# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu, 2019**

**Numru 16**

**Rikors numru 46/17 LSO**

**Jesmond Muscat u Maria Clara Muscat**

**v.**

**Avukat Generali**

<u>Preliminari</u>

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin wiehed mir-rikorrenti Jesmond Muscat u Maria Clara Muscat [ir-rikorrenti] u l-iehor maghmul mill-intimat l-Avukat Generali [l-intimat] mis-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju, 2018, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li sabet li l-ordni moghti fl-14 ta' Dicembru, 2014, mill-

Magistrat Inkwirenti u d-digriet tat-23 ta' Dicembru 2016 moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] [Qorti tal-Familja] fil-mertu m'humiex lezivi tad-dritt tar-rikorrenti kif sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], izda sabet li tali dritt x'aktarx ser jigi lez jekk it-tifla tibqa' fdata lil *foster carer* f'Ghawdex minghajr ma ssir revizjoni perjodika dwar dan l-affidament fejn allura jkun hemm sproporzjon bejn l-indhil tal-Istat u l-ghan li mmotiva t-tehid tal-minuri mill-familja taghha, u jigu kkonsidrati alternattivi li jippermettu kuntatt izjed kwalitattiv u frekwenti, imqar bejn it-tifla u ommha u hutha - f'kull kaz tenut kont l-interessi supremi tas-sahha u s-sigurta' tal-minuri; ghalhekk l-ewwel Qorti ordnat ukoll ir-revizjoni perjodika mill-qorti kompetenti tal-htiega ta' affidament tat-tifla lill-*foster carer* hawn Malta, jew jekk ukoll ghandhiex tigi fdata minnflok liz-zija paterna Victoria Simonini, izda f'kull kaz kellhom jigu riveduti l-frekwenza u l-hin tal-access, specjalment mal-omm u mal-ahwa, b'dawk il-modalitajiet li l-Qorti tal-Familja jidhrilha xieraq li timponi;  l-ispejjez tas-supervizjoni ghandhom jigu sopportati mill-Istat tenut kont il-qaghda finanzjarja batuta tal-familja;  l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa.

<u>Mertu</u>

2. Illi r-rikorrenti Muscat fethu dawn il-proceduri fejn talbu lill-ewwel Qorti:

> "i. Tiddikjara li r-rikorrenti garrbu, qeghdin igarrbu u/jew jistghu igarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan kemm stante li ma hemmx rimedju prattiku u effetiv biex tigi mistharrga l-validita` ta' l-Ordni taht l-Artikolu 133 tal-Kap. 16, kif ukoll stante n-nuqqas ta' motivazzjoni xierqa fid-digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Generali fl-ismijiet *Pulizija v Jesmond Muscat* (Rik. Gen. 562/2016)
>
> "ii. Tiddikjara li r-rikorrenti garrbu, qeghdin igarrbu u/jew jistghu igarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress illi minhabba d-decizjonijiet arbitrarja, illegali w infondati kif fuq esposti, ir-rikorrenti qeghdin jigu pregudikati fid-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u dana skont kif sanat fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
>
> "iii. Tordna t-thassir tal-Ordni moghti nhar l-14 ta' Dicembru, 2016 mill-Magistrat Inkwerenti ai termini tal-Artikolu 133(2) tal-Kodici Civili, Kap. 16 kif ukoll, l-ordni moghti permezz tad-digriet ta' nhar it-23 ta' Dicembru, 2016 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li permezz tieghu hija ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri Jasmine Muscat tkun fdata f'idejn l-Agenzija Appogg filwaqt li ordnat li l-minuri kellha tibqa' tirrisjedi ma' *foster carers* identifikati mill-Agenzija Appogg kif ukoll t-thassir tal-ordnijiet kollha sussegwenti ghal tali ordnijiet;
>
> "iv. Tordna illi l-minuri Jasmine Muscat tigi immedjatament irritornata ghand l-esponenti genituri taghha biex tghix maghhom;
>
> "v. Taghti dawk l-ordnijiet u r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, inkluz il-likwidazzjoni tad-danni u l-ordni ghal-hlas ta' l-istess;
>
> "Salvi sottomissjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez."

3. L-intimat ipprezenta r-risposta tieghu fejn issottometta li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u ghalhekk l-

ewwel Qorti kellha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet taghhom bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontrihom.

S-Sentenza Appellata

4. Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju, 2018, l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni adegwata tal-fatti u wkoll ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti ghal dan l-Appell:

> "**II. KONSIDERAZZJONIJIET**
>
> "Illi t-talba odjerna saret wara ordni mahruga minn Magistrat Inkwirenti datata l-14 ta' Dicembru 2016 fuq allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali kommess mill-missier fuq bintu minuri. B'din l-ordni t-tifla minuri, li kellha 7 snin ittiehdet b'urgenza mid-dar taghhom u tpoggiet taht il-harsien ta' terzi. Sussegwentement b'Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-23 ta' Dicembru 2016,('il quddiem imsejha Il-Qorti tal-Familja), it-tifla giet fdata fil-harsien ta' *foster carer*li kienet tirrisjedi f'Ghawdex. Il-genituri gew akkordati access b'supervizjoni ghal siegha fil-gimgha, salv ghal xi perjodi fejn l-access gie imwaqqaf. Ghalkemm il-genituri tal-minuri rrikorrew lejn il-Qorti tal-Familja ghar-riaffidament tat-tifla, it-talbiet taghhom gew michuda. Fil-frattemp l-inkjesta Magisterjali tat rizultat inkonklussiv u l-missier ma giex mixli fuq l-akkuzi li kienu qed jigu investigati.
>
> "F'dan il-kuntest fattwali, r-rikorrenti qed jilmentaw li garrbu u/jew jistghu igarrbu ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom fit-termini tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-**Konvenzjoni Ewropeaghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta**, (aktar il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni"**) *stante* li ma hemmx rimedju prattiku u effettiv biex tigi mistharrga l-validita` tal-ordni taht **l-Artikolu 133 tal-Kap. 16**, kif ukoll *stante* n-nuqqas ta' motivazzjoni xierqa fid-digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Generali fl-ismijiet *Pulizija v Jesmond Muscat* (Rik. Gen. 562/2016).
>
> "Inoltre qed jilmentaw li garrbu u/jew jistghu igarrbu ksur tad-dritt taghhom kif protett bl-**Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni** b'effett tal-ordni u tad-digrieti surriferiti.

"Huma qed jitolbu rimedji effettivi li jinkludu t-thassir tal-ordni tal-14 ta' Dicembru 2016 tal-Magistrat Inkwerenti kif ukoll, tal-ordni moghti permezz tad-digriet ta' nhar it-23 ta' Dicembru 2016 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li permezz tieghu gie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f' idejn l-Agenzija Appogg filwaqt li ordnat li l-minuri kellha tibqa' tirrisjedi ma' *foster carers* identifikati mill-Agenzija Appogg, kif ukoll it-thassir tal-ordinijiet kollha sussegwenti ghal tali ordnijiet. Inoltre qed jitolbu li l-minuri tigi immedjatament irritornata ghand il-genituri taghha biex tghix maghhom.

"**L-Avukat Generali** oppona ghat-talbiet in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt.

"Preliminarjament eccepixxa li r-rikorrenti kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji effettivi u idonei u ghaldaqstant talab lil din il-Qorti biex tezercita d-diskrezzjoni taghha taht **l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni**. Ssottometta, inoltre, li din il-Qorti mhix Qorti ta' Appell b'riferenza ghad-digrieti u ordnijiet in mertu f'din l-azzjoni.

"Ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, l-Avukat Generali eccepixxa l-intempestivita' tal-azzjoni *stante* li ghandhom jitqiesu l-proceduri kollha disponibbli ghar-rikorrenti fit-totalita' taghhom. Sostna *inter alia* li l-artikolu 133(2) jipprovdi l-garanziji procedurali mehtiega f'kazijiet bhal dak odjern tenut kont l-urgenza u l-ahjar interess tal-minuri.L-ordni Magisterjali hija dejjem soggetta ghat-thassir, jew varjazzjoni. Eccepixxa li l-lanjanza, in kwantu diretta lejn il-motivazzjonijiet fl-ordni u fid-digrieti hija infondata u vessatorja.

"Riferibbilment ghall-applikazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni eccepixxali dan l-artikolu ma giex lez fil-kuntest tal-ordni moghtija li thares l-ahjar interessi tal-minuri.

"Fl-ahhar eccepixxa li r-rimedi mitluba bit-tielet u bir-raba' talbiet huma mproponibbli ghar-ragunijiet dedotti fir-risposta tieghu.

"**FATTI U PROVI**

"Il-fatti li jemergu mill-atti huma ben dokumentati fir-rikors promotur u fil-process.

"- Fit-12 ta' Dicembru 2016[1] saret talba mill-Ispettur Paula Ciantar fit-termini tal-**Artikolu 133(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** fuq rapport maghmul mill-haddiema socjali tas-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan l-Agenzija Appogg peress li kien gie riferut lis-*social workers* kaz ta' allegat abbuz sesswali fuq minorenni, bint ir-rikorrenti u fejn il-persuna suspettata kien missier il-minuri. Skont ir-rapport, it-tifla, waqt li kienet qed tigi mitkellma mit-*trainee counsellor* tal-iskola fejn kienet

[1] Dok A anness mar-Rikors promotur.

qed tattendi, zvelat permezz ta' *role play* fuq pupazzi, fejn il-pupazz li kien qed jirraprezenta l-missier kien mess il-parti genitali tal-pupazz li kien qed jirraprezenta lil bint. It-tifla wkoll indikat il-parti genitali taghha biex turi fejn intmisset u ddeskriviet xi atti bid-dettall li mhumiex konformi mal-livell ta' maturita' u gharfien tal-eta` taghha;

“- Infethet inkjesta Magisterjali fejn inhatru bhala esperti Jennifer Mangion, *family counsellor*,u Dr Mariella Mangion, konsulent fil-pedjatrija, sabiex jinvestigaw l-allegazjoni wara li tigi mitkellma u ezaminata l-istess minuri;

“- Fl-14 ta' Dicembru 2016 l-Magistrat Inkwirenti harget Ordni *ai termini* tal-**artikolu 133(2) tal-Kodici Civili** fejn ordnat li t-tifla tigi temporanjament fdata fil-kura u kustodja ta' Sr Judith Busuttil u li tirrisjedi taht il-harsien taghha f'Dar Santa Rita, Tarxien. Il-Magistrat ordnat li l-genituri ma jkollhomx access ghat-tifla jekk mhux taht serupvizjoni tal-assistenti socjali [2];

“- Fl-14 ta' Dicembru 2016[3] ukoll, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hatret lil Adriana Grech, *social worker*, biex tistharreg jekk huwiex fl-interess tal-minuri li tibqa' fdata fil-kura ta' Sr Judith Busuttil u tibqa' tirrisjedi maghha.

“- Fit 22 ta' Dicembru 2016 l-Agenzija Appoggipprezentat Rikors quddiem il-Qorti tal-Familja u talbet li tigi fdata bil-kura u bil-kustodja tal-minuri temporanjament filwaqt li jigi ordnat li l-minuri ghandha tibqa’ tirrisjedi ma’*foster carers* identifikati mill-Agenzija *stante* li d-dirigenti ta' Dar Santa Rita sabu diffikultajiet biex izommu lit-tifla minhabba l-imgieba taghha;

“- Illi b'Digriet tat-23 ta' Dicembru 2016 jum,il-Qorti tal-Familja ddisponiet billi fdat il-kura u l-kustodja provisorjament f'idejn l-istess Agenzija "*b'dan illi s-social worker Adriana Grech tigi a konjizzjoni ta'dan ir-rikors u tipprezenta r-rapport taghha fid-dawl ta' dawn l-izviluppi godda;*[4]"

*“*- Ir-rapport ta' Adriana Grech gie pprezentat fil-21 ta' Frar 2017[5] fejn ghamlet diversi rakkommandazzjonijiet fejn ukoll tat il-veduti taghha dwar Victoria Simonini, iz-zija paterna tat-tifla u rrakkomandat li ghandha tkun aktar involuta fil-hajja tal-familja u fit-trobbija tal-minuri;

“- B'digriet tat-22 ta' Frar 2017[6] il-Qorti tal-Familja laqghet ir-rakkommandazzjonijiet kollha ta' Adriana Grech u ordnat li "*ghalissa"* t-tifla tibqa’ tghix mal-*foster carer* u inkarigat lil Adriana Grech biex f'sena millum tirraporta dwar il-minuri;

---

[2] Dok B anness mar-Rikors promotur.
[3] Esebit a fol 58.
[4] Dok C anness mar-Rikors promotur.
[5] Dok D anness mar-Rikors promotur.
[6] Dok E anness mar-Rikors promotur.

"-Fit-28 ta' Frar 2018[7] ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tal-Familja fejn ilmentaw li kienu ghadhom ma rawx lil binthom u saru jafu li t-tifla kienet qed tghix f'Ghawdex b'kumbinazzjoni minghand terzi, u li hadd mill-Agenzija Appogg tahom ahbar dwar binthom. Talbu li t-tifla tigi fdata lil Victoria Simonini li tkun marbuta li t-tifla ma jkollhiex kuntatt ma' missierha u tigi iffissata modalita' ta' access b'supervizjoni;

"- B'digriet tal-14 ta' Marzu 2017[8] giet michuda l-ewwel talba filwaqt li l-Qorti ddegretat li "*Tirrizerva li tipprovdi dwar it-tieni talba wara li tintemm l-inkjesta Magisterjali imsemmija fir-risposta";*

"- Fis-17 ta' Marzu 2017[9] ir-rikorrenti regghu pprezentaw rikors fil-Qorti tal-Familja fejn ilmentaw li qatt ma gew notifikati bir-rikorsi u bid-digrieti li kienu jirrigwardaw lit-tifla. Talbu lill-Qorti sabiex tordna lill-Avukat Generali jew lil Kummissarju tal-Pulizija biex jesebixxu kopja tal-inkjesta magisterjali li kienet ilha maghluqa xahar u tordna r-ritorn tat-tifla fil-kura taghhom;

"- B'digriet iehor tas-6 ta' April 2017[10] il-Qorti cahdet it-talbiet "*fid-dawl tar-risposta u tirrizerva li tipprovdi ulterjorment meta jkollha c-certezza illi l-Pulizija ghalqet l-investigazzjoni taghha";*

"- B'digriet tat-22 ta' April 2017[11] il-Qorti sussegwentement, fid-dawl ta' rapport tas-*social worker* Adriana Grech tat-18 ta' April 2017, ordnat li t-tifla ma jkollhiex access ghall-*mobile* u waqqfet "*ghalissa"* l-access tal-genituri taghha;

"- B'digriet iehor tal-25 ta' April 2017[12] il-Qorti ordnat li jsir access b'supervizjoni kontinwa (sottilinear ta' dik il-Qorti).

"**L-Inkjesta Magisterjali**

"L-inkjesta inghalqet fis-6 ta' Frar 2017 u kienet inkonklussiva *stante* r-riluttanza tat-tifla biex tixhed dwar fatti relatati mal-allegazzjonijiet maghmula, ghalkemm xi diskors li inghad minnha "*huma potenzjalment indikattivi ta' xi forma ta' abbuz."* Il-Magistrat issollecitat lill-Pulizija Ezekuttiva biex tissokta bl-investigazzjonijiet taghha fir-rigward ta' missier il-minuri kif ukoll fir-rigward ta' terz imsemmi fil-Process Verbal.[13]

"**Digrieti ta' din il-Qorti**

---

[7] Dok F anness mar-Rikors promotur.
[8] Dok G anness mar-Rikors promotur.
[9] Dok H anness mar-Rikors promotur.
[10] Dok I anness mar-Rikors promotur.
[11] Dok J anness mar-Rikors promotur.
[12] Dok K anness mar-Rikors promotur.
[13] Il-process verbal inzamm issiggillat fis-sigrieta tal-Imhallef sedenti li hadet konjizzjoni tal-atti.

“Din il-Qorti ordnat li jigu esebiti kopja tal-Inkjesta Magisterjali kif ukoll tal-atti relattivi ghall-kura u kustodja u access pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja (On.Imh.A.Lofaro).

“B'digriet tas-22 ta' Gunju 2017[14] il-Qorti ordnat lill-Agenzija Appogg sabiex fil-mori tad-differment jiffissaw data u hinijiet ta' access flimkien mal-genituri tal-minuri u mal-*foster carer*, is-Sibt jew il-Hadd (zewg *weekends*) a spejjez tal-Gvern b'supervizjoni kontinwa, *stante* li r-rikorrenti kellhom diffikultajiet ekonomici biex ibaghtu l-ispejjez ta' access b'supervizjoni kif ordnat. Jirrizulta mill-atti li l-ispejjez tas-supervizjoni kellhom jigu sopportati mill-genituri indaqs bejniethom.[15]

“B'digriet iehor tat-18 ta' Lulju 2017[16], fuq talba tal-Avukat Generali gie ordnat li l-atti tal-inkjesta jkunu disponibbli biss ghall-Qorti u mhux ghall-partijiet. Ordnat ukoll li jidher quddiemha l-Ispettur li qed imexxi l-inkjesta.

“Fil-kors tal-proceduri r-rikorrenti allgew li *social worker* li kienet qed tahdem mal-minuri kienet qalet xi kliem mhux xieraq fil-konfront taghhom mat-tifla.

“Din il-Qorti semghet lill-minuri kameralment. Fit-2 ta' Novembru 2017, gie verbalizzat[17] li wara li giet mitkellma it-tifla ma kien hemm xejn li jindika li s-social worker imsemmija kienet qalet il- kliem li gew lilha addebitati.

“Ghal dak li jirrigwarda l-allegat abbuz sesswali din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tigbed l-ebda konkluzjoni."*Illi izda jidher car li t-tifla ghandha bzonn li tigi segwita minn child psychologist proprju minhabba d-diffikultajiet fuq senjalati rizultat tal-allontament u tal-eta` tenera taghha."* Il-Qorti, izda ssenjalat li dawn il-kwistjonijiet ghandhom jigu indirizzati mill-On.Qorti tal-Familja u ordnat li kopja tad-digriet jigi trasmess lil dik il-Qorti.[18]

“**Xhieda**

“Xehdet l-**Ispettur Paula Ciantar, Spettur mal-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji**, (fol 123) li kkonfermat li l-investigazzjonijiet kienu qed jitkomplew. Qalet li t-tifla regghet giet mitkellma izda ma tridx titkellem fuq is-sitwazzjoni "*u jidher li giet iggwidata biex ma titkellimx."*

[14] Fol 52 tal-Process

[15] Digriet tas-6 ta' Jannar 2017 a fol 63 tal-process.Minn dan id-Digriet gie interpost Appell mill-intimat, izda l-mertu gie dikjarat ezawrit u l-On.Qorti Kostituzzjonali astjeniet milli tkopli tiehu konjizzjoni tieghu b'digriet tat-8 ta' Jannar 2018.

[16] Fol 121 tal-process

[17] Fol 143 tal-process.

[18] Jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali li l-Qorti tal-Familja addottat din ir-rakkommandazzjoni u biddlet is-*social worker* Gillian Busuttil kif ukoll hatret psikologa biex tassisti lill-minuri.

“Regghet xehdet (fol 154)[19]u kkonfermat li l-kaz ghadu taht investigazzjoni u li ma ttiehdux proceduri kontra r-rikorrent.

“Regghet xehdet (fol 294 *a tergo*) u qalet li l-investigazzjoni ghadha ghaddejja u wara li inghalqet l-inkjesta regghet tkellmet mar-rikorrent u hadulu *statement*. Dan hu b'kontinwazzjoni tal-ewwel inkjesta. It-tifla giet mitkellma minn Dr Carmen Sammut u mill-psikjatra Dr Joseph Cassar izda t-tieni inkjesta wkoll inghalqet. Madanakollu skont ix-xhud l-investigazzjoni ghadha *on going* u ghandhom jaraw jekk jistghux jinhargu l-akkuzi. Qalet li l-investigazzjoni hija miftuha wkoll fil-konfront ta' membru iehor tal-familja li semmiet it-tifla. Dwar il-*mobile* qalet li kienu baghtu ghall-persuna mhux familjari li kien semma' id-difensur tar-rikorrenti izda qalet li din il-persuna kien biegh *mobile* bil-pornografija lir-rikorrent u kien ir-rikorrent li ghaddih lit-tifla.

“**Xehdet ir-rikorrenti** (affidavit a fol 139 datat is-2 ta' Novembru 2017) fejn kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors promotur u li qalet li huma zzewgu fil-11 ta' Novembru 2007. Zewgha huwa dizabilitat *stante* li gie operat f'rasu meta kien ghadu tifel. Qalet li kellhom tlett itfal, il-minuri li twieldet fit-8 ta' Settembru 2009, ohtha li twieldet fis-16 ta' Ottubru 2014 u huwa li twieled fis-16 ta' Marzu 2016.

“Qalet li f'Gunju 2016 zarithom *social worker* mis-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal, Gillian Busuttil, wara rapport mill-iskola tat-tifla li kienu qed izommu t-tfal mahmugin. Baqghet izzurhom ta' spiss u kienet titkellem mat-tifla separatament. Skont ir-rikorrenti, t-tifla kienet tirrakonta li s-*social worker* kienet tistaqsiha jekk missierha kienx isawwatha jew ibaghbasha. Hi qalet li qatt ma rat xejn fl-imgieba ta' zewgha mat-tfal li kien idahhlihla xi suspett. It-tifla kienet *close* maghha u qatt ma qaltilha xejn dwar xi imgieba mhux xierqa da parti ta' zewgha.

“Fis-sajf imbaghad inbidlet is-*social worker* u bdiet tigi Stephanie Mizzi li kienet tissorveljaha dwar l-indafa u l-andament generali tat-tfal. Sussegwentement regghet giet Gillian flimkien ma' certu Joseph ukoll mill-Agenzija li kienu jispezzjonaw il-kmamar minhabba l-indafa u jaraw jekk it-tfal kellhomx ikel u hwejjeg.

“Xehdet li l-Pulizija kienu gabru lil zewgha u qatta' lejl id-Depot. It-tifla ttiehdet mid-dar u ma gietx aktar lura. Ipprezentaw rikorsi fil-Qorti tal-Familja li, izda gew michuda. Qalet li hadd mill-Agenzija Appogg ma tawhom taghrif dwar fejn tinsab it-tifla.

“Dwar il-*foster carers* f'Ghawdex qalet li hadd ma tahom taghrif dwar min huma u dwar fejn it-tifla kienet qed tirrisjedi u f'liema kondizzjonijiet.

---

[19] Seduta tat-23 ta' Novembru 2017.

"Dwar access qalet li hi, zewgha u uliedha qed jaraw lit-tifla darba fil-gimgha ic-Cirkewwa fir-*restaurant* fit-terminal tal-vapur t'Ghawdex, kull nhar ta' Sibt mill-10.20 sal-11.20 ta' filghodu. It-tifla kemm-il darba tispicca tibki. Qalet ukoll li l-fatt li t-tifla tghix f'Ghawdex taghmilha aktar difficli biex jarawha specjalment hi u wliedha.

"Xehdet ukoll dwar il-piz li din il-firda gabet fuqha u fuq zewgha li mar lura f'sahhtu. Qalet li kien hemm membri tal-familja li kienu lesti li jzommu lit-tifla biex tibqa' fil-familja. Ilmentat li kollox baqa' kif kien minkejja li ghaddew ghaxar xhur minn meta bdiet l-investigazzjoni, il-Pulizija ma hadu l-ebda passi kontra zewgha izda dejjem baqghu jghidu li qeghdin jinvestigaw.

"Xehedu familjari tar-rikorrenti[20] li kienu midhla taghhom, u anke jghinuhom f'xoghol ta' manutenzjoni u xoghol iehor fid-dar. Kollha cahdu li r-rikorrent seta' ghamel atti ta' abbuz fuq bintu u xehedu pozittivament dwar l-ambjent tad-dar u kif kienu jinzammu t-tfal.

"Xehdet **Gillian Busuttil** (fol 155) li hija *social worker* mac-*Child Protection Services* fl-Appogg. Qalet li dahlet fil-kaz qabel ma qam il-kaz tal-abbuz sesswali billi kienet qed issegwi l-familja sa minn Gunju 2016. Kienet titkellem mat-tifla l-iskola u d-dar, titkellem ma' ohtha z-zghira, u ssegwi ulied ir-rikorrenti, kienet taghmel zjarat, b'sorpriza jew le, tiltaqa' mal-familja l-Appogg u anke mal-pedjatra tal-Appogg. Qalet li min-naha taghha tqies li l-kaz tal-pulizija ghadu ghaddej.

"Xehed **ir-rikorrent (fol198)** li kkonferma fis-sustanza dak li xehdet martu. Qal li hu u martu kienu ddisprati wara li ttiehdet it-tifla ghaliex ma kienu jafu xejn dwar fejn kienet. Hadd mill-Agenzija Appogg ma ried itihom taghrif. Kien Raymond Casha li b'kumbinazzjoni raha f'Ghawdex. Qal li ma regax gie arrestat mill-Pulizija. Qal li jhossu rrabjat hafna billi kien jippreferi li bintu tinzamm mal-familjari minflok tqeghdet ma' nies li lanqas jafuhom. Il-firda ma' bintu kiddithom hafna. Avvolja ma pprocedewx kontrih xorta kien qed ihossu kkundannat ghax bintu ma rritornatx id-dar.

"Qal li jinsabu f'qaghdja finanzjarja hazina.

"Xehdet **Victoria Maria Simonini** (affidavit a fol 201) oht ir-rikorrent li xehdet dwar id-dizabilita' ta' huha li kellu jigi operat fl-Ingilterra meta kien ghadu tifel. Qalet li huha ihobb lil uliedu u qatt ma tasal biex temmen dak li qed jigi allegat. Kienet irrabjata ghaliex hadd ma qalilhom fejn tinsab it-tifla wara li ttiehdet mill-familja. Kienet lesta li zzomm lit-tifla maghha jkun kemm ikun it-tul ta' zmien. Hi gieli raqdet ghandha u kienet imdorrija maghha. Qalet ukoll li t-tifla hija *close* maghha. Semmiet id-diffikultajiet ghall-familja biex jaraw lit-tifla billi tinzamm Ghawdex.

[20] Affidavits a fol 149 u 151

“Xehdet fit-tul **Michelle Frendo** (fol.281) *counsellor* fl-iskola li kienet tattendi l-minuri. Xehdet li ghandha Masters f'*counselling* u ilha tahdem fl-iskola bhala *counsellor* ghall-sentejn. Kienet bdiet bhala *trainee counsellor* f'Jannar tas-sena 2016. Qabel 2016 kienet qed tahdem bhala LSA u *youth worker*. Kienet qed tahdem taht is-supervizjoni ta' Silvia Galea fis-sena 2016.

“Xehdet li dak li qalet it-tifla maghha qalitu b'*work play.* Qatt ma tkellmet fuqha nnfisiha imma qalet dak li qalet waqt il-loghob. Kellha *sessions* mat tifla fejn ghamlu *role play* bil-pupazzi. Spjegat li t-tifla kienet giet riferuta ghandha minhabba li kienet qed tuza lingwagg mhux xieraq fil-klassi u anke mill-*Head* tal-Iskola precedenti kien hemm thassib li kienet qed tigi traskurata. Bdiet taraha qisu minn Frar-Marzu 2016. Qalet li qabel il-vaganzi tas-sajf kienu qed jilghabu bil-pupi, u t-tifla kienet qed tiehu hsieb il-"*baby*". Wara s-sajf it-tifla biddlet ir-rwol u riedet li x-xhud tiehu hsiebha - "*li x-xhud tkun il-mummy, u t-tifla dejjem trid torqod ghax ghajjiena, ghax trid tiehu hsieb il-baby. Dejjem in roleplay...this was normal play."*

“Irrakkontat x'qaltilha t-tifla fid-disa' sessjoni, fejn semmiet lil missierha. It-tifla qaltilha li kellha *secret* x'tghidilha u talbitha taghlaq il-*blind*s. Meta l-*counsellor* ma ghalqithomx, it-tifla ma qalet xejn izjed u komplew jilghabu. Fl-ghaxar sessjoni, l-gimgha ta' wara, kollox baqa' normali fejn il-*counsellor* kienet qed "*tiehu hsieb"* lit-tifla. Fil-hdax-il sessjoni kollox inbidel u t-tifla regghet riedet titkellem dwar *secrets.* F'dik is-sessjoni ddeskriviet fejn il-missier imiss lit-tifla - izda qatt ma rriferiet ghaliha nnifisha - dejjem tkellmet f'*role play.* Dahhlet fid-dettall li huwa deskritt fix-xhieda tal-*counsellor*. Dahlitilha taht l-iskrivanija u meta harget bdiet tghajjat mal-figura tal-omm li "*vera hekk jaghmilli."* Din is-sessjoni damet izjed minn normal. Fl-ahhar it-tifla kkalmat u meta l-*counsellor* saqsietha jekk riedetx titkellem ma' xi hadd wiegbet iva.

“Ix-xhud qalet li din kienet l-ahhar sessjoni li kellha mat-tifla u rreferiet dak li gara lill-*principal counsellor,* Silvia Galea li rreferiet kollox lic-*Child Safety Officer* tal-iskola, Moira Sammut. L-ghada irreferew il-kaz lill-Agenzija Appogg.

“**In kontro ezami** xehdet li din l-ahhar sessjoni inzammet fis-7 ta' Dicembru 2016 u ghamlet rapport lill-Agenzija Appogg. Baghtet *e-mail* lill-Silvia Galea u lill-Moira Sammut. Spjegat li l-kompitu taghha mhuwiex li tinvestiga dak li qed jinghad mit-tfal imma semmai tirreferi ghand min irid jinvestiga.

“Fuq mistoqsija tal-Qorti qalet li ma xehditx quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

“**Il-Qorti ordnat li t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Michelle Frendo tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-Ispettur Paula**

**Ciantar tiehu konjizzjoni tal-istess ghall-fini tal-investigazzjoni taghha.**[21]

“Regghet xehdet (fol 328[22]) u esebiet kopja tal-e-mail li baghtet lil Moira Sammut datat is-7 ta' Dicembru 2016(fol 326-327). **In kontro ezami** qalet li kienet taghmel sessjoni fil-gimgha mat-tifla. Qalet li ma tkellmitx ma' omm it-tifla dwar dak li qalet it-tifla ghaliex dan mhuwiex kompitu taghha.

“Xehed **Joseph Antoncich** (fol 288 *a tergo)* li hu *social worker* u l-kap tas-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan l-Agenzija Appogg. Fil-kaz odjern assista wkoll lis-*social worker* Gillian Busuttil. Qal li ma jitkellimx hu mat-tfal. Ma kienx involut direttament fir-rapport li sar dwar it-tifla billi kien barra, u huma zammew lura billi kien hemm inkjesta mill-Pulizija. L-aktar li tkellem mar-rikorrenti kien fuq l-ambjent fid-dar u spjega n-nuqqasijiet li kienu sabu. Kien hemm element kbir ta' *mistrust* mill-genituri fil-konfront tas-*social worker* izda kien hemm hafna xoghol li setghu jaghmlu bil-kooperazzjoni tar-rikorrenti.

“Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn it-tifla intbaghtet gewwa Ghawdex, wiegeb li t-tifla kienet *acting up* ghand is-sorijiet. Intbaghtet ma' *foster carer* f'Ghawdex billi din kienet l-aktar li kellha hin fuq idejha biex ittiha attenzjoni u kienet *available*. Setghet tiffoka fuq it-tifla li kienet akkademikament lura mhux hazin. Wiegeb ukoll li t-tifla marret ghall-ahjar (akkademikament).

“**In kontro-ezami** qal li jaf li r-rikorrent qatt ma gie formalment akkuzat.

“Xehdet **Amanda Azzopardi** (fol 291 *a tergo)* li hija *social worker* fil-*Fostering Service* mal-Agenzija Appogg.Qalet li meta dahlet ir-*referral* tat-tifla ccekkjaw fejn setgha jaghmlu *placement* taghha u inzerta li hi kellha *available placement* fuq il-lista taghha f'Ghawdex. Huma jaraw li l-post ikun *safe* ghat-tifla u li jkun hemm *matching* tajjeb kemm ghal minuri kemm ghal *foster carer. "Ma taghmilx differenza ghalina jekk hux Malta jew jekk hux f'Ghawdex..*". It tifla giet *placed* ma' foster carer filwaqt ii huma baqghu isegwu l-kaz taghha. Xehdet li t-tifla tmur l-iskola, tmur il-Museum u drat l-ambjent u l-lokalita' fejn tghix. Madanakollu xorta ma nsietx lill-genituri taghha ghaliex taf li kull nhar ta' Sibt ser tiltaqa' maghhom.

“**In kontro ezami** xehdet li *foster carers* f'Malta u Ghawdex hemm 207. Izda jehtieg li wiehed jara kemm kien hemm *available* fiz-zmien tal-*placement* li kienu jissoddisfaw il-kriterji ta' tqabbil (*matching)* li semmiet. Fil-kaz tat-tifla kellha bzonn tkun stimulata. Fuq il-lista taghha ma kienx hemm *foster carers* motivati u tajbin ghat-tifla. Bhalissa huma tmienja fix-xoghol taghha f'Malta u Ghawdex. Hija l-unika f'Ghawdex. Qalet li f'Malta ghandhom xi 30 kaz bejniethom.

[21] Digriet verbalizzat fit-13 ta' Marzu 2018 (fol 304 tal-process).
[22] Dok MFX

"Xehdet **Stephanie Mizzi** (fol 298 *a tergo), social worker* mas-servizz Intake and Family Service fi hdan l-Agenzija Appogg li kienet tahdem mar-rikorrenti sa Jannar 2017. Dan hu servizz volontarju u wara rapport li rcevew offrew is-sapport lill-familja. Ir-rapport sar mill-Isptar fejn dak iz-zmien kienet iddahhlet it-tifla iz-zghira, oht il-minuri. Kienu jofrulhom ghajnuna mis-servizz High Support Service u Home Start li jinvolvu ghajnuna fid-dar.

"Xehdet **Adriana Grech** (fol 318) li giet mahtura mill-Qorti tal-Familja fil-kaz tar-rikorrenti. Qalet li ipprezentat aktar minn rapport wiehed u esebiet ir-rapporti taghha. L-inkarigu taghha gie terminat minhabba problemi tar-rikorrenti biex ihallsu ghas-supervizjoni. Imbaghad l-access supervizjonat beda jsir mill-Appogg.

"Hi kkonfermat li l-hsieb taghha kien li t-tifla tirritorna fid-dar tal-genituri taghha diment li huma jikkooperaw u jircievu ghajnuna fid-dar u *f'parenting skills.* L-ewwel jissoddisfaw ir-rakkommandazzjonijiet taghha imbaghad tigi ritornata t-tifla.

"**In kontro ezami** xehdet li minkejja li rat lit-tifla kienet sejra tajba mal-foster carer xorta rrakkommandat li tmur lura fid-dar tal-genituri taghha.

"**KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI**

"Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li bit-tkomplija fis-sehh tal-ordni taht **l-artikolu 133(2) tal-Kodici Civili ta' Malta** moghti fl-14 ta' Dicemru 2016, u l-ordni moghti b'digriet tat-23 ta' Dicembru 2016 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn gie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn l-Agenzija Appogg u ordnat li l-minuri kellha tibqa' tirrisjedi ma' *foster carers* identifikati mill-Agenzija, kif ukoll l-ordnijiet sussegwenti l-ohra, huma arbitrarji, illegali u abbusivi bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti bl-artikoli 6(1), 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Il-fatti mhumiex ikkontestati. Hareg mill-provi li r-rikorrenti huma finanzjarjament batuti, jghixu fuq il-beneficcji socjali, u l-missier huwa dizabilitat. F'xi zmien fil-bidu tas-sena 2016 gja kien hemm rapporti ta' thassib dwar kif kienu qed jinzammu t-tfal, u l-ambjenti tad-dar, u gew imhdahhla is-servizzi ta' ghajnuna offruti mill-Agenzija Appogg. Difatti jirrizulta li qabel mat-tifla tkellmet dwar l-abbuz sesswali, kienu qed isiru *home visits* u zjarat fl-iskola tal-minuri biex isegwu l-kaz kif ukoll diversi prestazzjonijiet minn numru ta' *social workers* involuti fil-kaz tal-familja tar-rikorrenti.

"Huwa fatt ukoll li t-tifla tkellmet mal-*counsellor* fl-iskola taghha, Michelle Frendo, u fuq dak li qalet, ghalkemm f'*role play,* sar ir-rapport lis-*supervisor*, u eventwalment lill-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra l-

Vizzji u infethet l-inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech. L-ordni ta' affidament inharget, fl-ewwel lok, b'urgenza mill-Magistrat Inkwirenti, u sussegwentement giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Familja. Fil-bidu, it-tifla kienet fdata fil-kura f'Istituzzjoni f'Malta, izda ma setghetx tkompli tinzamm hemmhekk u b'digriet tat-23 ta' Dicembru 2016 giet fdata lill-*foster carers* maghzula mill-Agenzija Appogg. Wara ezercizzju ta' *matching*, irrizulta lill-Agenzija li l-ahjar *foster carer* tenut kont il-bzonnijiet partikolari tal-minuri kienet tirrisjedi f'Ghawdex u t-tifla marret tghix hemm.

“Wara li fliet il-provi kollha prodotti, din il-Qorti tifhem li r-rikorrenti habtu rashom ma' diffikoltajiet fizici, medici u prattici u ma setghux joffru lil uliedhom ambjent nadif, u fejn it-tfal jistghu jigu indukkrati kemm fl-edukazzjoni taghhom kif ukoll fl-imgieba taghhom, minghajr l-ghajnuna u s-sapport tal-agenziji ezistenti fil-pajjiz. Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti stess irrikonoxxew li kellhom jikkooperaw mad-diversi agenziji li offrew ghajnuna fl-oqsma differenti mehtiega ghat-trobbija sana tat-tfal. Dawn l-aspetti tal-kaz manifestament jidhlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Familja u ma jagmlux parti mill-indagni li trid taghmel din il-Qorti fil-kawza odjerna li tikkoncerna aspetti ohra tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Anzi hemm ukoll affermazzjoni mill-haddiema socjali li kienu involuti fil-kaz, inkluz Adriana Grech, nominata mill-Qorti tal-Familja, li gjaladarba jkun hemm din il-kooperazzjoni u ghajnuna, ma hemm xejn li ghandu jzomm milli t-tifla tirritorna ghand il-familja taghha.

“Dan precizat, huwa wisq evidenti li l-kaz odjern jittratta *emergency care order* moghti fuq rapport ta' abbuz sesswali fuq minorenni. Qabel is-sessjoni ma' Michelle Frendo, ma jirrizultax mill-atti li l-Agenzija Appogg kienet qed tikkontempla l-hrug ta' ordni ta' harsien. Ghalhekk ir-rimoss tat-tifla kien strettament marbut mal-abbuz sesswali.

“Din il-Qorti minnufih taqbel li dak irraportat minn Michelle Frendo kien serju u gravi li kien jimmerita l-hrug ta' ordni ta' kustodja immedjata. Dwar dan m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju. B'dan mhi qed tesprimi l-ebda kundanna, jew tippronunzja xi htija fuq ir-rikorrent - dan irid jigi stabbilit fi proceduri quddiem il-Qorti kompetenti f'kaz li l-Pulizija Ezekuttiva tiddeciedi li ghandha bizzejjed provi biex tiehu passi konkreti biex tressaq xi hadd in gudizzju. Wara li qieset dak li xehdet Michelle Frendo, li kienet l-ewwel *point of intake* tal-abbuz fuq informazzjoni moghtija direttament mit-tifla, issib li r-reazzjoni tal-awtoritajiet kienet f'waqtha u necessarja ghall-protezzjoni tal-minuri. Dan il-hsieb ser jigi rifless iktar 'il quddiem meta tittratta l-kaz taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

“Illi jirrizulta wkoll mir-rapport ta' Adriana Grech, is-*social worker* nominata mill-Qorti tal-Familja, li meta tkellmet mal-*foster carer* u t-tifla fi zjara mizmuma fil-31 ta' Jannar 2017, t-tifla bdiet titkellem dwar il-partijiet privati b'riferenza ghall-geru li kellha, kif ukoll tan-nies u li hija

kienet kapaci tispjega li l-partijiet privati tal-irgiel huma differenti. Gie rapportat li fesfset f'widnejn Adriana Grech li kellha "*secret"* u qaltilha li rat "*il-private part tad-daddy fil-kamra tal-banju."*[23] Adriana Grech ma semmiet xejn dwar dan fir-rapport taghha u ma gibdet l-ebda konkluzjoni minn dan l-akkadut. Madanakollu din l-imgieba mhix normali ghall-tifla ta' 7 snin u jimmerita li jigi segwit mill-Qorti kompetenti.

“Illi l-allontanament tat-tifla u l-affidament taghha lill-*foster carer* ipperdura sallum minkejja li l-missier ma giex mixli b'akkuzi ta'abbuzi sesswali fuq bintu. Inoltre, ghalkemm l-allegazzjonijiet kienu saru kontra l-missier, it-tifla giet separata wkoll minn ommha u minn hutha z-zghar. F'dan il-kwadru kollu, l-mistoqsija fondamentali li eventwalment ser tigi indirizzata f'din is-sentenza hija jekk l-indhil fil-hajja familjari permezz tal-ordni ta' affidament, ikkonfermat mill-Qorti tal-Familja, li baqghu *in vigore* sallum biss minhabba li l-investigazzjoni tal-Pulizija ghadha miftuha, hijiex wahda proporzjonata tenut kont: a) l-iskop legittimu li l-Istat irid jottjeni u b) l-interessi supremi tal-minuri.

“**Nota tar-Rikorrenti tal-10 ta' Mejju 2018**

“Illi r-rikorrenti kellhom jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom sat-30 ta' April 2018. Ghalkemm aderixxu ghal dan id-digriet ipprezentaw nota ulterjuri fl-10 ta' Mejju 2018 minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti.

“**Ghal dak li jirrigwarda n-nota tal-10 ta' Mejju 2018, din ma kenitx awtorizzata u l-Qorti tordna l-isfilz taghha.**

“**L-ewwel Talba tar-Rikorrenti - Ksur tad-dritt taghhom kif sancit mill-Artikou 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

“Qabel ma tindirizza l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali tissottolineja li fir-rikors promotur, ir-rikorrenti strahu fuq allegat ksur tal**-artikoli 6(1), 13 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Madanakollu ma semmewx l-ewwel Talba taghhom fin-nota ta' sottomissjonijiet u strahu biss fuq l-ilment ta' ksur abbazi tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni. Anzi, tant hu hekk li sahansitra eskludew l-ewwel Talba ghal kollox fil-konkluzjonijiet taghhom u rrepetu minnflok it-tieni sal-hames talbiet li gew ri-enumerati wiehed sa erbgha.

“**Ghalhekk din il-Qorti tifhem li mhumiex qed jinsistu izjed fuq l-ewwel talba taghhom u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.**

“**Ghaldaqstant ser tkompli tittratta it-talbiet kif jirrigwardaw l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

[23] Rapport a fol 23 tal-process.

"**ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI**

"**Nuqqas ta' Ezawriment ta' rimedju ordinarju - Artiklu 4(2) tal-Konvenzjoni**

"Illi l-Avukat Generali eccepixxa li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji ghall-ilmenti taghhom konsistenti f'azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taht il-poteri residwali taghha, kif ukoll jistghu jirrikorru quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghar-revizjoni tad-digrieti taghha stess fejn dik il-Qorti irriservat li tipprovdi wara li jintemmu l-investigazzonijiet. Jargumenta li **l-artiklu 32(1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta jaghti poteri wiesgha residwali lill-Qorti Civili biex jigu mistharrga digrieti moghtija mill-Qrati.[24] Inoltre, r-rikorrenti ghamlu uzu minn rimedji biex jattakkaw id-digriet moghtija mill-Qorti tal-Familja stess, izda minghajr ma kisbu r-rizultat li xtaqu. Dan fih innifsu ma jistax jiggustifika l-adezjoni ta' din il-Qorti.

"Hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Illi l-ghan tal-Qorti ghandu jkun li tfittex li tqieghed lill-persuna li qed issofri ksur ta' dritt fondamentali fis-sewwa b'mod effikaci u bl-inqas dewmien. Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qrati ordinarji mhumiex huma aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali imma l-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom. Hawnhekk taghmel riferenza għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005, fil-kawża **Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**[25], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006. (Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Ltd v Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et** (Q.K. deciza fil-31 ta' Ottubru 2003; "**Ryan Briffa v Avukat Generali"** deciza fl-20 ta' Marzu 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali gabret il-principji applikabbli fil-materja.[26])

"Madanakollu l-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjonali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[27]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[28].

---

[24] "32(*2) Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressamentli għandha tieħu konjizzjoni tagħhom."*

[25]Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[26] Ara wkoll **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine** moghtija fis-7 ta' Marzu 1994

[27]P.A Kost. VDG 9.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet Victor Bonavia vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et (mhix pubblikata)

[28]Ara, f'dan ir-rigward Kost. 9.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXXV.i.268); u Kost. 27.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et (Kollez. Vol: LXXXVII.i.48)

“Illi jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti, fit-28 ta' Frar 2017 talbu li d-digrieti moghtija mill-Qorti tal-Familja jigu varjati sabiex it-tifla: i) tigi fdata liz-zija paterna, u ii) tiffissa modalita' ta' access anke b'supervizjoni. Il-Qorti cahdet l-ewwel talba u irriservat li tipprovdi fuq it-tieni talba wara li tintemm l-inkjesta Magisterjali. Fis-17 ta' Marzu 2017 ir-rikorrenti ressqu rikors iehor fejn talbu r-ritorn tal-minuri tenut kont li l-inkjesta kienet inghalqet. Il-Qorti cahdet it-talbiet izda rriservat li tipprovdi "*meta jkollha c-certezza li l-Pulizija ghalqet l-investigazzjoni taghha."* (Digriet tas-6 ta' April 2017).

“Illi r-rikors odjern gie pprezentat fit-8 ta' Gunju 2017 evidentement wara li t-tentattivi tar-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Familja ma rrendewx ir-rizultat mixtieq.

“Ikkonsidrat **li l-artikolu 133 tal-Kap 16** innifsu jipprevedi li l-ordni ta' allontanament jista' jigi varjat u addirittura jitnehha. Dan l-artikolu jaghti diskrezzjoni ampja lill-Qorti kompetenti adita b'talba simili biex tbiddel jew tnehhi l-ordni tal-allontanament:

> *“'**133.** (1) Ma’ dan kollu, dik il-qorti kompetenti skont ma tista’ tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien tista’, għal raġuni tajba, u mingħajr ma ssemmi din ir-raġuni, tawtorizza lit-tifel li jitlaq mid-dar tal-ġenituri.*
>
> *““(2) Jekk id-dewmien jista’ jkun ta’ ħsara, kull maġistrat jista’ jagħti l-ordni meħtieġ, u jagħmel rapport ta’ dan, mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata ta’ wara ta’ nhar ta’ xogħol, lill-qorti hawn fuq imsemmija, illi tista’ twettaq, tħassar jew tbiddel dak l-ordni.'”*

“Ikkonsidrat li bit-tieni talba taghhom, ir-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Tqies ukoll li r-rikorrenti qed jilmentaw mill-biza' li d-dritt taghhom imsemmi x'aktar ser jigi lez b'referenza ghat-tkomplija tal-ordni ta' affidament ta' binthom lil terzi.

“Huwa minnu li dejjem jibqalhom il-jedd li jitolbu r-revoka jew varjazzjoni tad-digriet ta' affidament jekk dan jirrizulta fl-ahjar interess tal-minuri jew minhabba tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi u l-Qorti tal-Familja hija marbuta tirrikonoxxi l-interessi supremi tal-minuri.[29] Madanakollu f'din il-kompetenza, l-istharrig tal-Qorti timmira lejn l-ezami sostantiv tal-proporzonalita' tal-ordnijiet mehtiega kif ukoll lejn l-aspetti procedurali inerenti fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni .

“Illi l-Qorti tal-Familja ddekretat li tistenna li jkollha "ic-certezza" li l-Pulizija ghalqet l-investigazzjoni taghha qabel ma tirrikonsidra d-decizjonijiet taghha. Fil-frattemp, l-access baqa' isir f'hinijiet ristretti u t-tifla baqghet tirrisjedi f'Ghawdex u dan hu l-qofol tal-ilment tar-rikorrenti.

---

[29]L**-artikolu 149 tal-Kodici Civili** jiddisponi:"*B’dak kollu li jinsab f’kull dispożizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi, il-qorti tista’, jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta’ persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel".*

“**Ghaldaqstant din il-Qorti tqies li ghandha tafferma l-kompetenza taghha u tichad l-ewwel eccezzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, billi gja ddikjarat li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ilment abbazi tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

“**It-Tieni Eccezzjoni - Din il-Qorti ma tistax isservi bhala Qorti tal-Appell**

“Hawnhekk il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali li mhuwiex il-kompitu taghha biex tirrevedi u tiggudika fuq il-mertu tad-decizjonijiet li ttiehdu rigwardanti l-affidament tal-minuri, purke ' dawn ma kienux lesivi tad-drittijiet fondamentali, kemm procedurali u kemm sostantivi tar-rikorrenti.

“Ghalhekk ser tilqa' din l-eccezzjoni safejn u limitatament l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-fatt li ma jaqblux mal-Ordni moghtija mill-Magistrat u mad-Digrieti tal-Qorti tal-Familja.

“Madanakollu ma taqbilx mas-sottomissjoni li ghal din ir-raguni ghandha tiddeklina milli tikkunsidra t-tielet u r-raba' talbiet fir-rikors promotur. Din il-Qorti ghandha mhux biss il-poter u l-awtorita', imma l-obbligu li taghti dawk l-ordnijiet kollha, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna (**Artikolu 4(2) tal-Kap 319)**. Idejha mhumiex marbutin u certament ma hemm xejn li jzommha milli thassar digrieti ta' Qrati moghtija fil-kompetenza ordinarja taghhom, u sahansitra milli taghti ordnijiet *ex novo,* safejn jirrizulta li z-zamma fis-sehh ta' dawk l-ordnijiet jipperpetwa l-ksur ta' xi jedd fondamentali.

“Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, l-eccezzjoni sollevata, qed tigi milqugha biss in parti kif fuq spjegat.

“**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

“Illi r-rikorrenti jilmentaw li d-decizjonijiet li ttiehdu fil-konfront ta' binthom minuri kienu arbitrarji, illegali u infondati. Huma jirreferu ghall-ordni ta' Harsien mahrug mill-Magistrat Inkwirenti tal-14 ta' Dicembru 2016 u ghad-Digriet tal-Qorti tal-Familja tat-23 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu t-tifla giet fdata fil-kura u fil-kustodja tal-Agenzija Appogg u gie ordnat li l-minuri tibqa' tirrisjedi ma' *foster carers* identifikati mill-Agenzija Appogg. Jirreferu wkoll ghall-ordnijiet sussegwenti ta' zamma fis-sehh tal-ordni ta' affidament partikolarment fejn it-tifla baqghet tinzamm ma' *foster carer* estraneja ghall-familja, u *di piu'*, gewwa Ghawdex.

“L-Artikolu imsemmi jidisponi li :-

> *""(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *""(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.""*

"Illi tajjeb li jingħad li *"ħajja privata"* fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.

> ""*Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference."*[30]"

"Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, liema jedd mhuwiex wiehed assolut. It-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta l-indħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat.[31]

"Illi biex indħil bħal dak ikun "*skont il-liġi",* jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[32] (*unforseeable)*.

"Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "*meħtieġa f'soċjeta' demokratika",* jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[33] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[34]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"*rispett"* li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan huwa imfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet.

---

[30] Harris, O'Boye & Warbrick *Law of the Convention on Human Rights* (3rd Ed). p 525.
[31] Ara ad ez. **Marcks v Belgium** A 31(1979);2 EHRR 330 PC
[32] Q.E.D.B. 24.3.1988 fil-każ **Olsson vs Svezja** (Nru. 1) (Applik. Nru. 10465/83) § 62
[33] Q.E.D.B. 24.11.1986 fil-każ **Gillow vs Renju Unit** (Applik.Nru. 9063/80) §55
[34] Q.E.D.B. 26.3.1987 fil-każ **Leander vs Svezja** (Applik. Nru. 9248/81) §58

"Kif ingħad "*In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia,* ***T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC],*** *no. 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and* ***Sommerfeld v. Germany*** *[GC], no. 31871/96, §62, ECHR 2003-VIII*)."[35]

"Illi huwa stabbilit li fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni *"inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*"[36]

"***- Indhil fid-Dritt ghar-Rispett ghall-Hajja Familjari -***

"Applikati dawn il-principji ma hemmx dubbju li bejn ir-rikorrenti u l-minuri kien hemm hajja familjari - '*family life'*. Dan gie stronkat minghajr preavviz, fl-14 ta' Dicembru 2016 meta gie ordnat li t-tifla titnehha mid-dar tal-familja taghha u titqieghed fil-kura tas-sorijiet. Inoltre l-affidament f'idejn terzi gie kkonfermat mill-Qorti tal-Familja fit-23 ta' Dicembru 2016 u ghadha tipperdura sallum. Ghaldaqstant jirrizulta li b'dawn l-ordnijiet, kien hemm indhil fil-hajja familjari tar-rikorrenti.

"***- Jekk l-Indhil kienx iggustifikat -***

"L-indhil huwa gustifikat jekk isir skont il-ligi, ghall-ghan legittimu skont l-artikolu 8(2) u huwa necessarju f'socjeta' demokratika sabiex dawk l-ghanijiet jigu salvagwardati.

"Illi fl-ezami ta' dawn il-kriterji, il-Qorti ghandha tqies ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

"Illi l-Ordni Magisterjali inghatat fit-termini tal-A**rtikolu 133 tal-Kodici Civili** u l-Qorti tal-Familja kompliet fuq dan l-ordni skont kif previst mis-subinciz (2) tal-Artikolu imsemmi. Evidentement l-indhil kien wiehed legittimu.

"Ikkonsidrat inoltre, li fl-ezercizzju tal-kompetenza taghhom, l-ebda wahda mill-Qrati imsemmija ma agixxiet arbitrarjament. L-ordnijiet huma ben dokumentati fl-atti. L-ewwel ordni kienet *emergency care order* fuq rapport tal-Agenzija Appogg u tal-Pulizija mill-Iskwadra kontra l-Vizzji. Il-konferma tal-ordni u d-digrieti sussegwenti tal-Qorti

[35]Q.E.D.B. 18.2.2014 fil-kawża fl-ismijiet A.L. vs Polonja (Applik. Nru. 28609/08) § 65
[36]Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

tal-Familja inghataw wara konsiderazzjoni ta' rapporti ta' *social workers* inkarigati mill-Qorti, u tal-informazzjoni moghtija lill-istess Qorti.

"***- Necessarju f'Socjeta Demokratika -***

"Illi kif gie ribadit mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha **Haase v Germany**[37]**:**

*""1. In determining whether an impugned measure was "necessary in a democratic society", the Court has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify this measure were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 of the Convention. The notion of necessity implies that the interference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate aim pursued (see, among other authorities, Gnahoré, cited above, § 50 in fine).*

*""2. Undoubtedly, consideration of what lies in the best interests of the child is of crucial importance in every case of this kind. Moreover, it must be borne in mind that the national authorities have the benefit of direct contact with all the persons concerned, often at the very stage when care measures are being envisaged or immediately after their implementation (see Johansen, cited above, pp. 1003, § 64, K. and T. v. Finland, cited above, §§ 151, 154 and 173). It follows from these considerations that the Court's task is not to substitute itself for the domestic authorities in the exercise of their responsibilities for the regulation of the public care of children and the rights of parents whose children have been taken into care, but rather to review under the Convention the decisions taken by those authorities in the exercise of their power of appreciation (see Hokkanen v. Finland, judgment of 23 September 1994, Series A no. 299-A, p. 20, § 55; Kutzner v. Germany, no. 46544/99, § 66, ECHR 2002-I; Sahin, cited above, § 64, and Sommerfeld v. Germany [GC], no. 25735/94, § 62, ECHR 2003-VIII).*

*""3. The margin of appreciation so to be accorded to the competent national authorities will vary in the light of the nature of the issues and the seriousness of the interests at stake. While the authorities enjoy a wide margin of appreciation in assessing the necessity of taking a child into care, in particular where an emergency situation arises, the Court must still be satisfied in the particular case that there existed circumstances justifying the removal of the child, and it is for the respondent State to establish that a careful assessment of the impact of the proposed care measure on the parents and the child, as well as of the possible alternatives to taking the child into public care, was carried out prior to implementation of such a measure (see K. and T. v. Finland, cited above, § 166, Kutzner, cited above, § 67, and P., C. and S.v. the United Kingdom, no. 5647/00, § 116, ECHR 2002-VI).""*

"U fil-kaz fl-ismijiet **Zaiet v Rumania**[38] rrepetiet:

[37] Deciz fit-8 ta' April 2014 - *(Application no. 11057/02)*

*“"4. The Court reiterates that in order to determine whether the impugned measures were “necessary in a democratic society”, it has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify them were relevant and sufficient for the purposes of Article 8 § 2 (see Kutzner, cited above, § 65, and Moser v. Austria, no. 12643/02, § 64, 21 September 2006).*

*“5. In doing so, it is not the Court’s task to substitute itself for the domestic authorities, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in their exercise of their power of assessment (see K. and T. v. Finland [GC], no. 25702/94, § 154)."”*

“Kif gie ribadit fil-kaz **Olsson v Sweden(No.1) [39]:**

*“'According to the Court's established case law, the notion of 'necessary' implies that an interference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate aim pursued."”*

“Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa pacifiku li din l-azzjoni saret fil-kuntest ta' inkjesta Magisterjali li infethet wara allegazzjoni ta' abbuz sesswali rapportat lill-Pulizija. L-*iter* ta' x'wassal sabiex sar dak ir-rapport huwa dokumentat fid-dettall fil-process. M'ghandux ikun hemm l-ebda dubbju li l-ghan legittimu tal-Istat huwa l-protezzjoni tas-saħħa, tal-morali, u tad-drittijiet u libertajiet tat-tifla minuri.

“L-ilment principali tar-rikorrenti johrog mill-fatt li l-affidament ma giex revokat, u t-tifla ritornata fid-dar taghhom, minkejja t-trapass ta' ben 18-il xahar, minn mindu t-tifla ittiehdet mid-dar, minkejja li l-inkjesta inghalqet, u minkejja li l-missier ma giex mixli bl-abbuz sesswali. Inoltre jirreferu ghar-rakkommandazzjonijiet tal-esperta nominata mill-Qorti tal-Familja, Adriana Grech, li ghalkemm konsapevoli bir-retroxxena tal-kaz, irrakkommandat li t-tifla tista' tirritorna fi hdan il-familja purke' jinghataw ghajnuna u sapport mill-agenziji kkoncernati.

“Ir-rikorrenti ghalhekk jilmentaw li dan l-indhil huwa sproporzjonat billi ghadu jezisti minkejja li ma giex mixli fuq il-kaz ta' abbuz. Dwar dan l-Ispettur Paula Ciantar li kienet qed tmexxi l-investigazzjoni xehdet li l-investigazzjoni "*ghadha ghaddejja".* Inoltre din il-Qorti ma tistax tinjora li l-Magistat inkwirenti fil-process verbal, issollecitat lill-Pulizija Ezekuttiva biex tissokta fl-investigazzjonijiet taghha fir-rigward ta' missier il-minuri kif ukoll fir-rigward ta' terz imsemmi fil-Process Verbal.

“Hawnhekk l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 19 tal-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda fuq id-Drittijiet tat-Tfal tat-20 ta'

[38] ECtHR 24 ta' Marzu 2015 - Application no. 44958/05
[39] Q.E.D.B.a 130(1988); 11 ehrr 259 PARA 67 PC

Novembru 1989[40] li jimponi obbligu fuq l-Istati Membri li jiehdu dawk il-mizuri kollha intizi ghall-protezzjoni tat-tfal minn *inter alia, abbuz sesswali*, u traskuragni. Skont il-Konvenzjoni, inoltre: "*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."* (art.3.1. tal-Konvenzjoni).

"Illi ghalkemm mhuwiex espress testwalment, il-kriterju ta' *the best interests of the child* huwa inerenti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

"Hekk fil-kaz **Ignaccolo-Zenide v Romania[41],** il-Qorti Ewropea f'Strasbourg, f'kaz li sehh fil-kuntest ta' *child abduction,* irribadiet :

> *""..."Whilst national authorities must do their utmost to facilitate such cooperation, any obligation to apply coercion in this area must be limited since the interests as well as the rights and freedoms of all concerned must be taken into account, and more particularly the best interests of the child and his or her rights under Article 8 of the Convention. Where contacts with the parent might appear to threaten those interests or interfere with those rights, it is for the national authorities to strike a fair balance between them (see the Hokkanen judgment cited above, p. 22, § 58)."""*

"Illi l-Qorti Ewropea kkonsidrat kazijiet fejn r-relazzjonijiet bejn it-tfal u l-genituri sahansitra gew imwaqqfa ghal kollox u sabet li dan jista' jkun gustifikat tenut kont l-interessi tal-minuri li huma supremi. F'kaz recenti **A.D. v Portugal**[42] l-Qorti Ewropea rriteniet li:

> *""44. As regards the extreme step of severing all parental links with a child, the Court has taken the view that such a measure would cut a child from its roots and would only be justified <u>in exceptional circumstances by the overriding requirement of the child's best interests</u> (see **R. and H. v. the United Kingdom,** no. 35348/06, § 81, 31 May 2011). That approach, however, may not apply in all contexts, depending on the nature of the parent-child relationship (see P., C. and S. v. the United Kingdom, no. 56547/00, § 118, ECHR 2002-VI). Where the decision <u>is explained in terms of a need to protect the child from danger, the existence of such a danger should be actually established</u> (see, mutatis mutandis, Haase v. Germany, no. 11057/02, § 99, ECHR 2004-III (extracts)."(sottolinear ta' din il-Qorti).""*

"Fil-kaz ta' **Haase** fuq citat, il-Qorti rriteniet li jehtieg li ikun hemm skrutinju iktar rigidu meta jigu imposti restrizzjonijiet fuq access tal-genituri :

> *""a stricter scrutiny is called for in respect of any further limitations by the authorities, for example on restrictions on parental rights and*

[40] Ratifikat minn Malta fis-sena 1990
[41] ECtHR deciz fil-25 ta' Jannar 2000 (Application no. 31679/96) §94
[42] ECtHR - dec fit-13 ta' Frar 2018 (Application no. 57789/17).

> *access, and on any legal safeguards designed to secure the effective protection of the right of parents and children to respect for their family life. Such further limitations entail the danger that the family relations between the parents and a young child might be effectively curtailed (see Elsholz v. Germany [GC], no. 25735/94, § 49, ECHR 2000-VIII; Kutzner, cited above, § 67; and Sahin, cited above, § 65)."”*

“Il-Qorti f'**Haase** kompliet:

> *“"6. The taking into care of a child should normally be regarded as a temporary measure to be discontinued as soon as circumstances permit, and any measures of implementation of temporary care should be consistent with the ultimate aim of reuniting the natural parent and child (see Johansen, cited above, pp. 1008-09, § 78, and E.P. v. Italy, no. 31127/96, § 69, 16 November 1999). In this regard a fair balance has to be struck between the interests of the child remaining in care and those of the parent in being reunited with the child (see Hokkanen, cited above, p. 20, § 55). In carrying out this balancing exercise, the Court will attach particular importance to the best interests of the child which, depending on their nature and seriousness, may override those of the parent (see Johansen, cited above, pp. 1008-09, § 78). In particular, a parent cannot be entitled under Article 8 to have such measures taken as would harm the child's health and development (see Elsholz, cited above, § 50; and Sahin, cited above § 66)."”*

“Hekk ukoll fil-kaz ta' **Zaiet v Rumania** succitat***,* intqal:**

> *“"7. The Court further notes that where the existence of a family tie has been established the State must in principle act in a manner calculated to enable that tie to be maintained. Splitting up a family is an interference of a very serious order. Such a step must be supported by sufficiently sound and weighty considerations not only in the interests of the child (see Scozzari and Giunta v. Italy [GC], nos. 39221/98 and 41963/98, § 148, ECHR 2000-VIII) but also in respect of the legal certainty."”*

“Illi taqbel mal-Avukat Generali fejn issottometta li d-Digrieti in kwistjoni huma intizi biex ikunu mizuri temporanji sakemm ma jigux konkluzi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

“Mill-aspett procedurali, u l-garanziji inerenti fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni minkejja dak sostnut mir-rikorrenti, ma ssibx li l-Qorti, kemm tal-Magistrati tal-14 ta' Dicembru 2016, kif ukoll tal-Familja tat-23 ta' Dicembru 2016, imxew b'mod illegali, arbitrarju u sproporzjonat tenut kont il-gravita' tal-akkuzi, specjalment b'referenza ghall-kontenut ta' dak rapportat minn Michelle Frendo. Inoltre, tifhem li kazijiet bhal dak odjern huma sensittivi u kumplessi. Wara li fethet qalbha mal-*counsellor*, it-tifla inghalqet u kienet riluttanti li titkellem izjed dwar kwistjonijiet sesswali. Hija fid-diskrezzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva li jmexxu prosekuzzjoni u mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Pulizija Ezekuttiva f'kazijiet simili.

"Illi ghal dak li hu n-notifikazzjoni tal-genituri u l-involviment u/jew preparazzjoni taghhom ghall-affidament tat-tifla, huwa rikonoxxut li f'kaz ta' *emergency orders*:

> *""8. The Court accepts that when action has to be taken to protect a child in an emergency, it may not always be possible, because of the urgency of the situation, to associate in the decision-making process those having custody of the child. Nor may it even be desirable, even if possible, to do so if those having custody of the child are seen as the source of an immediate threat to the child, since giving them prior warning would be liable to deprive the measure of its effectiveness. The Court must however be satisfied that the national authorities were entitled to consider that there existed circumstances justifying the abrupt removal of the child from the care of its parents without any prior contact or consultation. In particular, it is for the respondent State to establish that a careful assessment of the impact of the proposed care measure on the parents and the child, as well as of the possible alternatives to the removal of the child from its family, was carried out prior to the implementation of a care measure (see **K. and T. v. Finland,** cited above, § 166). The fact that a child could be placed in a more beneficial environment for his or her upbringing will not on its own justify a compulsory measure of removal from the care of the biological parents; there must exist other circumstances pointing to the "necessity" for such an interference with the parents' right under Article 8 to enjoy a family life with their child (see K.A. v. Finland, no.27751/95, § 92 ECHR 2003-I)"(**Haase v Germany ante)**""*

"Fil-kaz succitat **A.D. v Portugal** il-Qorti Ewropea rreferiet ghall-kwalita' tad-*decision making process***:**

> *""45. In assessing the quality of a decision-making process leading to splitting up the family, the Court will see, in particular, whether the conclusions of the domestic authorities were based on sufficient evidence (including, as appropriate, statements by witnesses, reports by competent authorities, psychological and other expert assessments and medical notes) and whether the interested parties, in particular the parents, had sufficient opportunity to participate in the procedure in question (see **Saviny**, cited above, § 51; see also **Assunção Chaves** v. Portugal, no. 61226/08, §§ 82-84, 31 January 2012). ""*

"Fil-kaz odjern il-Qorti tal-Familja hatret espert li tat rapport dettaljat dwar il-kaz. Inoltre, z-zamma fis-sehh tal-ordni sakemm inghalqet l-Inkjesta hija intiza bhala mizura prudenti u necessarja ghall-ahjar protezzjoni tal-minuri.

"Illi wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma ssibx li l-ordni tal-Magistrat Inkwirenti tal-14 ta' Dicembru 2016 u d-Digriet tal-Qorti tal-Familja tat-23 ta' Dicembru 2016 rispettivament kienu lesivi tad-dritt tar-rikorrenti skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Kif sehhew il-fatti, dak li intqal mill-minuri, allavolja f'semplici *role play* kien gravi u serju, tant li ggustifika l-intervent tal-agenziji tal-Istat, motivati b'ragunijiet ta' harsien tal-minuri, tad-dritt ghall-integrita' u sahha fizika u morali taghha (art 8), u tad-drittijiet taghha ghall-

protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti (art 3). Hawnhekk id-drittijiet tal-genituri jigi kontro-bilancjat bid-drittijiet tal-minuri kif ukoll bl-obbligazzjonijiet pozittivi tal-Istat li jiehu dawk il-mizuri kollha mehtiega biex jipprotegi lill-minuri mill-periklu ta' tali trattament.

“F'tali cirkostanzi, ir-rimoss tat-tifla mid-dar tal-genituri taghha kienet mizura urgenti u necessarja. Il-konferma tal-Ordni mill-Qorti tal-Familja, anke fil-modalita' taghha, kienet gustifikata u proporzjonata billi t-tifla ma setghetx tibqa' tinzamm fl-Istitut ghar-ragunijiet dedotti.

“Ghalhekk din il-Qorti **ma ssib l-ebda ksur tal-Artikolu 8** bl-ordni tal-Magistrat Inkwirenti u bid-Digriet tat-23 ta' Dicembru 2016.

“Illi ser tghaddi biex tezamina, fil-kuntest tal-proporzonalita' fil-kuntest tas-segwenti fatturi:

“i. Iz-zamma fis-sehh tal-ordni minkejja li l-inkjesta inghalqet izda pendenti l-gheluq tal-investigazzjoni;

“ii. iz-zamma tar-restrizzjoni tal-access u kuntatt mal-omm u ma' hut il-minuri;

“iii. l-affidament tat-tifla lill-*foster carer* f'Ghawdex.

“Dwar l-investigazzjoni tal-pulizija, l-Ispettur Ciantar ma setghetx taghti indikazzjoni dwar il-prospettiva li l-investigazzjoni tinghalaq proprju minhabba li t-tifla "*ma tridx titkellem fuq is-sitwazzjoni u jidher li giet iggwidata biex ma titkellimx.*" Ghalhekk l-Avukat Generali issottometta li "*l-awtoritajiet iridu jimxu b'kawtela kbira sabiex jipprotegu l-interessi tal-minuri u l-Pulizija hija korretta li ddecidiet li tkompli tinvestiga l-kaz u mhux taqbad u taghlaq l-investigazzjoni.*"

“Illi "*Undoubtedly, consideration of what lies in the best interests of the child is of crucial importance in every case of this kind; depending on their nature and seriousness, the child’s best interests may override that of the parents* (see **Sommerfeld**, cited above, § 66, and **Görgülü v. Germany**, no. 74969/01, § 43, 26 February 2004; and **Ahrens**, cited above, § 63); "

“Fil-kaz **Hokannen v Finland,**[43] il-Qorti Ewropea rriteniet:

> *“"In previous cases dealing with issues relating to the compulsory taking of children into public care and the implementation of care measures, the Court has consistently held that Article 8 includes a right for the parent to have measures taken with a view to his or her being reunited with the child and an obligation for the national authorities to take such action (see, for instance, the* ***Eriksson v. Sweden*** *judgment of 22 June 1989, Series A no. 156, p. 26, para. 71;*

[43] ECtHR - dec fit-23 ta' Settembru 1994, Series A no. 299-A, p. 20, § 55.

*the **Margareta and Roger Andersson v. Sweden** judgment of 25 February 1992, Series A no. 226-A, p. 30, para. 91; and the **Olsson v. Sweden** (no. 2) judgment of 27 November 1992, Series A no. 250, pp. 35-36, para. 90). "* (sottolinear ta' din il-Qorti).""

"**Sproporzjonalita' bejn l-Indhil u l-Ghan Legittimu**

"Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll dwar il-modalita' tal-access ma' binthom li holqot piz fuq ir-rizorsi ekonomici limitati taghhom[44], li kienet ristretta wisq, u li, *stante* li qed tghix f'Ghawdex, ma jkollhomx l-opportunita' li jarawha ghajr ghal siegha fil-gimgha f'*restaurant* ic-Cirkewwa.

"L-Avukat Generali ssottometta li d-decizjoni li t-tifla tigi fdata f'idejn *foster carer* f'Ghawdex ma kenitx decizjoni arbitrarja. Madanakollu jirrizulta mix-xhieda ta' Amanda Azzopardi li hemm madwar 207 *foster carers* madwar Malta u Ghawdex. Hi xehdet ukoll, u dan gie kkonfermat minn Joseph Antonchich, li l-*foster carer* intghazlet wara process ta' *matching* u jidher li t-tifla qed tmur tajjeb fl-ambjent fejn qed tinzamm. Ghalkemm jirrizulta li l-Agenzija ghamlet process intern ta' gharbiel biex wasslet ghall-ghazla tal-*foster carer,* il-fatt li t-tifla qegdha tirrisjedi f'Ghawdex huwa fattur li qed johloq piz, fil-fehma ta' din il-Qorti, sproporzjonat fuq ir-rizorsi tal-genituri. Inoltre dan il-fatt jimmilita' kontra kuntatt aktar ampju almenu bejn l-omm u t-tifla, u bejn it-tifla u hutha minhabba problemi logistici.

"Illi kif jghidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[45] "*Interference with an individual's rights is disproportionate where it is purposless, that is where the object cannot be achieved by the interference.... The Court speaks of the 'fair balance 'between the enjoyment of rights and the protection of other interests which runs through the Convention".*

"Illi gjaladarba l-investigazzjoni tal-Pulizija tirrizulta li hija llum *open ended*, jqum il-kwezit jekk l-affidament kontinwat tat-tifla f'Ghawdex u mhux f'Malta, u f'idejn estranea u mhux f'idejn membru tal-familja hija mizura proporzjonata ghall-ghan legittimu fuq individwat.

"F'tali cirkostanzi, u tenut kont il-piz logistiku u ekonomiku li l-affidament attwali qed johloq ghall-familja, din il-Qorti hija tal-fehma li minghajr revizjoni, anke perjodika tal-kondizzjonijiet ta' affidament u kuntatt, allura d-dritt tar-rikorrenti kif sancit fl-Artikolu 8 x'aktarx ser jigi lez.

"Tqies, difatti li l-allontanament mill-missier, implikat kif inhu fl-allegazzjoni ta' abbuz, qed jfisser ukoll l-allontanament tat-tifla minn ommha u minn hutha - dan jista' ikun ta' detriment ghall-istess minuri u johloq fih innifsu ostakolu permanenti ghar-rijunjoni tat-tifla maghhom billi l-prolungament tal-istat ta' fatt attwali ma johloqx ambjent li tiffacilita' l-eventwali ritorn tat-tifla.

[44] Huma jghixu bil-beneficcji socjali.
[45]**Law of the European Convention on Human Rights - 3rd ed - pp.519-520**

"Jirrizulta mill-atti li Adriana Grech, l-esperta mahtura mill-Qorti tal-Familja, rrakkommandat l-involviment taz-zija tal-minuri, Victoria Simonini, li, f'kaz ta' prolungament tal-investigazzjonijiet, tista' toffri il-bilanc misthoqq bejn il-htiega tal-protezzjoni tat-tifla, u d-dritt tal-genituri li jkollhom access ghall-binthom.

"Illi din il-Qorti mhix ser tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qorti tal-Familja imma ser tillimita ruhha biex tordna li c-cirkostanzi tal-affidament attwali ghandhom jigu mistharrga bil-ghan li l-kuntatt bejn it-tifla u l-familjari taghha, specjalment l-omm u hutha, ikun aktar frekwenti u kwalitattiv. Hawnhekk tissenjala wkoll li l-omm, ghalkemm ma tirraprezentax periklu dirett ghat-tifla, ma taccettax il-possibilita' li dak li hareg mir-*role play* tat-tifla, u mill-imgieba taghha, ghandhom jinghataw kredibilita'. Tali atteggjament fih innifsu jista' ikun ta' detriment biex titkixxef il-verita'.

"**Konkluzjonijiet dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

"Illi fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, tasal biex tikkonkludi:

"i. Li z-zamma fis-sehh tal-ordni ta' affidament lill-terzi bid-digrieti imsemmija tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Familja fih innifsu mhuwiex lesiv tad-dritt tar-rikorrenti;

"ii. Madanakollu l-incertezza dwar jekk u meta ser jigu konkluzi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ma tiggustifikax li l-affidament u l-modalita' ta' kuntatt, almenu bejn it-tifla u ommha u hutha ma jigux riveduti perjodikament. In-nuqqas li tigi investigata alternattiva vijabbli ghall-*foster care* f'Ghawdex tenut kont it-trapass ta' 18-il xahar mit-tehid tat-tifla **x'aktarx hija lesiva** tad-dritt tar-rikorrenti u timmilita, minhabba l-ispiza u problemi logistici, kontra kuntatt aktar frekwenti u kwalittattiv bejn ir-rikorrenti, specjalment l-omm, u bejn l-ahwa infushom. Madanakollu dan ma jfissirx li t-tifla tabilfors ghandha tigi fdata lill-*foster carer* f'Malta jew anke liz-zija paterna. L-ghan tal-Istat ghandu jimmira lejn ir-riunifikazzjoni tat-tifla mal-genituri u ma' hutha, izda biss jekk dan jissoddisfa l-htigijiet tal-protezzjoni tal-interessi taghha.

"Dan kollu huwa fil-mansjoni tal-Qorti tal-Familja biex tiddetermina wara li tisma' l-persuni involuti.

"**Rimedji Mitluba**

"Illi r-rikorrenti talbu t-thassir tal-ordnijiet imsemmija, kif ukoll ir-ritorn tat-tifla.

> "Rigward it-thassir tal-ordnijiet, din il-Qorti ma sabitx li kienu lesivi tad-dritt tar-rikorrenti skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u ghalhekk it-talba qed tigi respinta.
>
> "Inoltre ma ssibx li gie ppruvat li z-zamma fis-sehh tal-ordnijiet ta' affidament hija arbitrarja u lesiva tad-dritt taghhom. Anzi issib li ghadhom jezistu c-cirkostanzi fejn hemm lok ghat-tkomplija tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u li, kwindi, t-tifla ghandha tinzamm fil-kura ta' terzi ghall-ahjar protezzjoni u sigurta' taghha.
>
> "Illi ghalhekk ir-raba' talba qed tigi respinta.
>
> "Madanakollu din il-Qorti ser tiddisponi mill-hames talba billi tordna li ssir revizjoni perjodika tal-ordni ta' affidament u li jigi kkonsidrat il-possibilita' li t-tifla tigi fdata liz-zija Victoria Simonini jew anke lill-*foster carer* f'Malta, dejjem jekk dan hu skont l-ahjar interessi tat-tifla. Inoltre ser tirrakkommanda li l-kuntatt jizdied fil-frekwenza u fil-hin, u li l-ispiza involuta tigi sopportata mill-Istat f'kaz li l-access jibqa' b'supervizjoni."

<u>L-Appell tar-rikorrenti</u>

5. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom fis-17 ta'Lulju, 2018, fejn qeghdin jitolbu lil din il-Qorti:

> "........................ omissis........................[46]
>
> "ii. tiddikjara illi r-rikorrenti garrbu, qeghdin igarrbu u/jew jistghu jgarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana minhabba l-fatt li kemm il-minuri, kif ukoll familtha (specjalment hutha u ommha li ma gew implikati f'xejn) qed jigu mcahhda minn xulxin u dana bi pregudizzju fid-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom, liema dritt hu sancit kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni fuq imsemmija;
>
> "iii. tordna it-thassir tal-Ordni moghti nhar l-14 ta' Dicembru, 2016 mill-Magistrat Inkwerenti ai termini tal-Artikolu 133(2) tal-Kodici Civili Kap. 16, kif ukoll l-ordni moghti permezz ta' digriet tat-23 ta' Dicembru 2016 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li permezz tieghu hija ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri Jasmine Muscat tkun fdata f'idejn l-Agenzija Appogg filwaqt li ordnat li l-minuri kellha tibqa' tabita ma'

[46] L-ewwel talba kienet tirreferi ghall-ksur tal-artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni, izda dina giet irtirata fil-mori tal-appell permezz ta' nota prezentata fit-2 ta' Awissu 2018

> *foster carers* identifikati mill-istess Agenzija, kif ukoll it-thassir tal-Ordnijiet kollha sussegwentement ghal tali Ordnijiet;
>
> "iv. tordna illi l-minuri jasmine Muscat tigi immedjatament ritornata ghand ir-rikorrenti genituri taghha biex tghix maghom; u
>
> "v. Taghti dawk l-ordnijiet u r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, inkluz il-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' €625 konsistenti fis-somma ta' €320 bhala spejjez tal-accessi, l-ispejjez tat-tabib tar-rikorrenti fl-ammont ta' €175, kif ukoll l-ispejjez tal-medicinali fl-ammont ta' €130 u dan barra l-ispejjez tal-fuel li r-rikorrenti nefqu u qeghdin jonfqu biex jaraw lil binthom Jasmine, u dan barra danni morali sofferti mill-familja Muscat, u tordna lill-intimat ihallas dawn id-danni kollha lir-rikorrenti.
>
> "U dan taht kwalsiasi provvediment li din l-Onor Qorti fis-savju u superjuri gudizzju taghha jidhrilha xieraq, ekwu u gust fic-cirkostanzi.
>
> Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat appellat.

6. Fis-succint, l-aggravju principali tar-rikorrenti hu li l-indhil tal-Istat fil-hajja privata u familjari tieghu kien bla bzonn u sproporzjonat ghall-ghan tieghu, bir-rizultat li saret u qed issir vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

*Ir-risposta tal-intimat*

7. L-intimat issottometta li l-appell imressaq mir-rikorrenti hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jigi michud. Hu jsostni li mill-provi kellu jirrizulta li d-decizjonijiet in kwistjoni gew mehuda skont il-ligi u b'rispett tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti bl-artikolu precitat, u wkoll fl-ahjar interess tat-tifla minuri b'mod li qed jigu protetti d-drittijiet u libertajiet taghha. Inoltre, jirrileva li mhuwiex il-kaz li t-tifla kienet

ittiehdet minn mal-familja taghha minghajr possibilita` li xi darba terga' tinghaqad maghhom.

L-Appell tal-intimat

8. Permezz tal-appell tieghu pprezentat fit-18 ta'Lulju, 2018, l-intimat qed jitlob lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa' l-appell interpost minnu, tirriforma s-sentenza appellata billi:

> "(a). Tikkonfermaha.....fejn iddikjarat li l-ordnijiet tal-14 ta' Dicembru 2014 tal-Magistrat Inkwirenti u d-Digrieti tal-Qorti tal-Familja in mertu mhumiex lezivi tad-dritt tar-rikorrenti kif sancit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, fejn cahdet it-talbiet ghat-thassir tal-Ordni moghti nhar l-14 ta' Dicembru 2016 u l-Ordni moghtija permezz tad-digriet ta' nhar it-23 ta' Dicembru 2016 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll l-ordnijiet kollha sussegwenti ghal tali ordnijiet u fejn cahdet it-talba ghar-ritorn tal-minuri Jasmine Muscat ; u
>
> "(b). Thassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dawk il-partijiet fejn iddikjarat li d-dritt tar-rikorrenti sancit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni x'aktarx ser jigi lez u fejn ordnat illi ghandha ssir revizjoni perjodika mill-Qorti kompetenti tal-htiega ta' affidament tat-tifla lill-*foster carer* u fejn ordnat illi ghandha tigi reveduta l-frekwenza u l-hin tal-access u fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-esponent appellant Avukat Generali u minflok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellatti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom."

9. L-aggravji tieghu fil-qosor huma dawn: [a] li kienu jezistu rimedji ordinarji ohra effettivi ghall-ilment tar-rikorrenti; [b] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib li x'aktarx kien ser jigi lez id-dritt tar-rikorrenti protett bl-artikolu konvenzjonali fuq indikat; [c] ma kellhomx jinghataw ir-rimedji moghtija mill-ewwel Qorti.

*Ir-risposta tar-rikorrenti*

10. Fir-risposta taghhom ir-rikorrenti jissottomettu li, ghalkemm l-intimat kien qed jerga' jsostni li huma ghandhom rimedji ordinarji effettivi ghall-ilment taghhom, sahansitra anki l-ewwel Qorti kienet gharfet li l-qrati ordinarji ma kellhomx il-gurisdizzjoni originali biex jittrattaw kwistjonijiet dwar lezjoni ta' drittijiet fondamentali. Dwar il-mertu, huma jsostnu li l-ordni tal-Magistrat Inkwerenti u d-digriet tal-Qorti tal-Familja rispettivament ma kienux qeghdin iservu ghan legittimu u lanqas kienu mehtiega f'socjeta' demokratika. B'hekk l-indhil tal-Istat kien qed jikkaguna piz eccessiv fuq ir-rikorrenti u wliedhom. Ghal dak li jirrigwarda r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti jsostnu li huma ma kienux qeghdin jaqblu mal-ewwel Qorti li m'hemmx ksur tad-dritt de quo u wkoll li r-rimedju ma kellux ikun dak li nghata. L-ahhar sottomissjoni taghhom tirrigwarda l-ispejjez tal-procedura li huma qeghdin isostnu ma kellhomx mezzi sabiex ihallsu ghalihom.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

*Preliminari*

*L-ewwel aggravju tal-intimat [ jezistu rimedji ordinarji effettivi]*

11. Permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-intimat isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti meta skont hu dawn kellhom rimedji ordinarji disponibbli ghalihom. Il-qofol tal-kawza jirrigwarda d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu bint ir-rikorrenti nharget mid-dar tal-genituri taghha, u digriet iehor tat-23 ta' Dicembru, 2016, fejn giet milqugha t-talba sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri tinghata f'idejn l-Agenzija Appogg ghal zmien temporanju. L-intimat isostni li s-subartikolu 32[2] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti setghat wesghin sabiex qorti civili ordinarja setghet tindirizza l-ilment tar-rikorrenti dwar dawk id-digrieti. Ghandu jinghad ukoll li sahanistra d-digriet stess mahrug mill-Qorti tal-Familja kien haseb ghal rimedju u ghal revizjoni tieghu wara li jintemmu l-investigazzjonijiet. Lanqas ma seta' jinghad li huma ma kellhomx rimedju galadarba t-talbiet taghhom quddiem il-Qorti tal-Familja ma kienux favorevoli. Ghalhekk l-intimat qed jitlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li tinqeda bis-setghat konvenzjonali taghha skont il-proviso tas-subartikolu 4[2] tal-Kap. 319.

12. Fir-risposta taghhom ir-rikorrenti jiccitaw partijiet mis-sentenza appellata sabiex isahhu l-argument taghhom kontra dak tal-intimat. Jissenjalaw li l-ewwel Qorti sewwa osservat li l-qrati ordinarji mhumiex aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar

fondamentali imma l-qrati kompetenti huma l-qrati kostituzzjonali. L-ewwel Qorti wkoll ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti fir-rigward. Irriteniet pero` li, ghalkemm jkun hemm disponibbli rimedju ordinarju, l-ewwel Qorti xorta kellha d-diskrezzjoni li tkompli tisma' l-proceduri kostituzzjonali, b'dana li tali diskrezzjoni kellha tintuza' b'mod prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Wara ezami tal-azzjoni li kienu hadu r-rikorrenti permezz tal-prezentata ta' rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja, u dan minghajr success, l-ewwel Qorti affermat il-kompetenza taghha u ddecidiet li tisma' u tiddecidi l-kaz.

13. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel Qorti. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti ghamlu aktar minn tentattiv wiehed sabiex l-ordni ta' allontanament jigi rivedut, izda dawn kienu minghajr success, u dejjem jibqaghlhom id-dritt li jirrikorru lejn il-Qorti tal-Familja b'talba ohra simili, izda kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, fil-frattemp l-access ghal binthom baqa' ristrett u din baqghet tghix f'Ghawdex. Huwa proprju dan li jikkostitwixxi l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-ilment taghhom quddiem din il-Qorti ma jistax jigi kkunsidrat li jikkostitwixxi appell mid-digriet tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja], izda huwa ilment dwar ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom skont l-artikolu precitat. B'hekk l-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-kompetenza taghha meta ddecidiet li fil-kaz odjern tisma' l-ilment

taghhom. Din il-Qorti tissenjala li t-tehid tal-minuri mill-familja taghha hija mizura serja li taffettwa b'mod qawwi lill-minuri u lil familja taghha, partikolarment lil ommha u liz-zewg hutha l-ohra li huma estranei ghall-allegazzjoni maghmula mill-minuri, u t-trapass taz-zmien jkompli jaghmilha aktar impellenti li l-ilment kostituzzjonali jigi trattat u deciz malajr kemm jista' jkun, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-omm hija rikorrent fil-kawza odjerna.

14. Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhux gustifikat u qeghda tichdu.

*L-aggravju tar-rikorrenti [l-indhil tal-Istat kien bla bzonn u bi ksur tad-dritt ghal hajja privata u familjari taghhom kif sanciti mill-Artikolu 32[c] tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 8[2] tal-Konvenzjoni.*

*It-tieni aggravju tal-intimat [l-ewwel Qorti ma kellhiex issib li x'aktarx kien ser jigi lez id-dritt tar-rikorrenti kif sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni]*

15. Ir-rikorrenti qeghdin jghidu li l-ordnijiet tal-qrati rispettivi kif citati fir-rikors tal-appell taghhom, kienu nghataw ghal zmien indefinittiv ghaliex kienu soggetti ghall-gheluq tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija li jista' jkun li jiehdu x-xhur jew forsi s-snin biex jinghalqu. Dan qed jikkrea piz eccessiv u sproporzjonat fuq l-istess rikorrenti u wliedhom. Huma

accettaw bhala gust l-accenn tal-ewwel Qorti fuq l-interess ta‘ binthom minuri izda spjegaw kif l-ordnijiet in kwistjoni ma kienu qeghdin iservu l-ebda ghan legittimu u wisq anqas ma kienux mehtiega f’socjeta‘ demokratika bhal dik Maltija. Dan ifisser li l-indhil tal-Istat qed isir bla bzonn u bi ksur tad-dritt ghal hajja privata u familjari.

16. L-intimat min-naha tieghu rrisponda li mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li d-decizjonijiet li dwarhom ir-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur, kienu ttiehdu skont il-ligi fid-dawl ta‘ dak li jghid l-artikolu konvenzjonali in kwistjoni u wkoll fl-ahjar interess tal-minuri. Jishaq li l-mizura mehuda tista‘ sservi ghal zmien temporanju skont l-izvolgiment tac-cirkostanzi.

17. Fl-appell interpost minnu, l-intimat jghid li jsib id-decizjoni tal-ewwel Qorti kontradittorja ghaliex, filwaqt li din ma sabitx li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti meta l-kwistjoni kienet wara kollox ilha ghaddejja minn Dicembru 2016, qalet li x’aktarx dawn ser jigu lezi jekk ic-cirkostanzi jibqghu l-istess. Jissottometti li fl-ebda waqt il-Qorti tal-Familja ma ddecidiet li, stante li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ma kienux maghluqa, hi ma kinitx ser tkun disposta tirrevedi l-affidament u l-modalita` tal-kuntatt mal-minuri. Inoltre, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-minuri tirrisjedi maz-zija paterna kienet giet michuda ghal ragunijiet ohra li ma kienux necessrjament marbuta mal-investigazzjoni pendenti tal-Pulizija.

18. Ir-rikorrenti fir-risposta taghhom jghidu li huma jaqblu li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hi wahda kontradittorja, izda ghal ragunijiet differenti minn dik li tal-intimat. Jissottomettu li: a] l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-missier baqghu ma gewx sostnuti bi provi; b] il-minuri giet imcahhda mhux biss minn missierha izda mill-familja kollha; c] ghalkemm l-ghan tal-ordnijiet kien li l-minuri titbieghed minn periklu, hutha l-ohra baqghu jghixu mar-rikorrenti; d] l-interess suprem tal-minuri mhuwiex li din titbieghed mill-familja izda ghall-kuntrarju li terga' tinghaqad maghha. Ma hemm l-ebda *pressing social need* sabiex il-minuri tibqa' mifruda minn mal-familja, u z-zamma fis-sehh tad-digrieti in kwistjoni ma kienx proporzjonat ghal dak li kien suppost ghan legittimu; dan qed joholoq piz eccessiv fuq ir-rikorrenti u wliedhom.

19. L-ewwel Qorti filwaqt li iccitat l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, spjegat li sabiex mizura ta' ndhil tal-Istat fl-ezercizzju tad-drittijiet sanciti bl-istess artikolu titqies bhala wahda mehtiega f'socjeta` demokratika, irid jintwera li din gejja minn htiega urgenti socjali li tkun proporzjonali mal-ghan mixtieq u prevedibbli fit-thaddim taghha biex taghti c-certezza tad-dritt, filwaqt ukoll li ghamlet riferenzi ghal gurisprudenza tal-Qorti Ewropea wkoll fejn jidhol il-principju ta' proporzjonalita` bejn l-interess generali tal-komunita` u l-protezzjoni necessarja tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dwar il-provi prodotti quddiemha l-ewwel

Qorti sabet li, ghalkemm kien jezisti ndhil fil-hajja familjari tar-rikorrenti rizultat tal-ordnijiet in kwistjoni, dan l-indhil kien gustifikat meta wiehed iqies li l-ordnijiet kienu bazati fuq elementi ta provi, bhal xhieda u rapporti. L-ordni tal-Qorti tal-Magistrati ghall-allontanament tal-minuri kienet mizura urgenti u necessarja u giet konfermata mill-Qorti tal-Familja, ukoll il-modalita` tal-access hija gustifikata u proporzjonata ghaliex il-minuri ma setghetx tibqa' tinzamm fl-istitut. Mehud kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti qieset li dawk iz-zewg ordnijiet ma kienux vjolattivi tal-artikolu fuq citat.

20. Din il-Qorti wara ezami tal-atti ssib li l-fatti migjuba quddiem l-ewwel Qorti jiggustifikaw id-decizjoni taghha. L-ewwel Qorti qieset sew in-necessita' tal-allontanament tal-minuri u l-urgenza tat-tehid ta' tali mizura fid-dawl tac-cirkostanzi kif migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u anke quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi d-diversi rapporti li saru minn esperti u wkoll ix-xhieda ta' diversi *social workers* u wkoll *counsellor* li tressqu quddiemha in sostenn ta' dak li rrizulta f'dawk ir-rapporti. Ma jirrizultax li fid-dawl ta' dan kollu d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija wahda irragjonevoli.

21. Izda dik il-Qorti, wara li ma sabitx li l-ordnijiet mahruga jiksru d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghaddiet sabiex ezaminat is-segwenti fatturi fil-kuntest tal-proporzjonalita`: [i] iz-zamma fis-sehh

tal-ordnijiet minkejja li l-inkjesta nghalqet, ghalkemm l-investigazzjoni tal-pulizija ghadha ghaddejja; [ii] il-modalita‘ restrittiva tal-access u tal-kuntatt tal-minuri mal-omm u ma‘ hutha l-ohra; u [iii] l-affidament tat-tifla lill-*foster carer* f’Ghawdex.

22. Fid-dawl tal-fatt li l-investigazzjoni tal-Pulizija ghadha ma nghalqitx ghaliex il-minuri ma kinitx qeghda titkellem dwar il-fatt allegat u wkoll li din setghet kienet iggwidata taghmel hekk, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li s-sottomissjoni tal-intimat li l-Pulizija kienet qed timxi b’kawtela fl-interess tal-minuri, l-ewwel Qorti kkonsidrat dak li qalet il-Qorti Ewropea, jigifieri li l-interess tal-minuri hu daqstant importanti li jista‘ jinghata piz aktar mill-interess tal-genituri, li taht l-Artikolu 8 ghandhom id-dritt li l-mizuri jittiehdu b’mod li jigi kkonsidrat li l-minuri terga‘ tinghaqad mal-genitur u l-Istat jiehu l-azzjoni necessarja ghal dan il-ghan. Izda fil-kaz odjern l-ewwel Qorti osservat li kien qed jirrizulta li l-investigazzjoni tal-pulizija kienet wahda *open ended* u ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-minuri kienet giet fdata ghand persuni f’Ghawdex u mhux f’Malta, u li dawn ma kienux membri tal-familja taghha, kellu jigi kkonsidrat jekk fid-dawl ta‘ dawn il-fatti, il-mizura kinitx wahda proporzjonata ghall-ghan legittimu rikonoxxut. L-ewwel Qorti gharfet il-piz logistiku u ekonomiku, rizultat tal-fatt li binthom tghix f‘ Ghawdex, fuq il-familja u kkonkludiet li minghajr revizjoni tal-kondizzjonijiet ta‘ affidament u kuntatt, ukoll jekk

perjodikament, id-dritt tar-rikorrenti taht l-Artikolu 8 x'aktarx kien ser jigi lez.

23. L-ewwel Qorti affermat li ma kinitx ser tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qorti tal-Familja, izda kienet ser tordna biss li c-cirkostanzi tal-affidament attwali ghandhom jigu mistharrga bil-ghan li l-kuntatt bejn it-tifla u l-familjari taghha, partikolarment ma' ommha u ma' hutha, kellu jkun aktar frekwenti u kwalitattiv. L-istess Qorti gharfet li r-rifjut tal-omm li taccetta l-possibilita` li dak li hareg mir-*role play* tat-tifla u mill-imgieba taghha kellu jinghata kredibilita`, jista' jkun ta' detriment biex titkixxef il-verita`.

24. Din il-Qorti tosserva li permezz tad-digriet tal-Magistrat Inkwerenti fl-14 ta' Dicembru, 2016, temporanjament il-kura u l-kustodja tal-minuri nghatat f'idejn Sr. Judith Busuttil, filwaqt li gie ordnat li wkoll temporanjament il-genituri ma jkollhom l-ebda access ghall-minuri. Fid-digriet tal-Qorti tal-Familja tat-23 ta' Dicembru, 2016, gie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tinghata f'idejn l-Agenzija Appogg temporanjament filwaqt li l-istess minuri kellha tirrisjedi ma' *foster carers* li setghu jigu ndikati mill-istess Agenzija Appogg. Diga' nghad li s'hawn ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan kif iddecidiet ukoll l-ewwel Qorti. Issa, minkejja r-rikors tar-rikorrenti tat-28 ta' Frar, 2017, u dak tas-17 ta' Marzu, 2017, fejn intalab access ukoll taht

supervizjoni stretta u, minflok, ma‘ familja gewwa Ghawdex il-minuri taht l-istess stat ta‘ ‚*fostering*‘ tirrisjedi ma‘ oht ir-rikorrent bil-kondizzjoni li din ma tkellimx jew taghmel kuntatt ma‘ missierha, il-minuri baqghet tirrisjedi ma‘ familja gewwa Ghawdex b’access ristrett sew taht u supervizjoni kontinwa.

25. Din il-Qorti tosserva li ma tirrizulta l-ebda raguni sabiex il-minuri ma tergax tinghaqad mal-familja taghha ghajr li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ghadhom ma nghalqux minhabba d-diffikulta’ li l-minuri ghadha ma tridx titkellem dwar dak li hi kienet zvelat mas-Social Worker Michelle Frendo. Din il-Qorti, filwaqt li tapprezza s-serjeta` u l-gravita` tal-kaz tenut kont dak li rrapportat[47] u li xehdet[48] fuqu l-istess Michelle Frendo, tissenjala li kull indhil mill-Istat irid ikun kontro-bilancjat minn dak li hu ghall-ahjar interess tal-minuri. Fil-kaz odjern huwa minnu li dak li qalet il-minuri huwa tant gravi li kien jisthoqq li tiskatta investigazzjoni da parti tal-pulizija u li jinghataw l-ordnijiet li nghataw mill-Magistrat Inkwirenti u mill-Qorti tal-Familja, sabiex it-tifla tigi allontanata mill-ambjent tal-familja taghha u jkunu hemm biss access favur il-genitur taghha u hutha ristrett u b‘supervizjoni kontinwa. Ghalhekk taqbel mal-ewwel Qorti li c-cirkostanzi jaghmel dawk il-mizuri konformi mal-Artikolu 8, stante li saru fl-interess suprem tal-minuri, izda s-sitwazzjoni tal-affidament u partikolarment tal-access restrittiv, li qed taffetwa wkoll lil

[47] Emajl a fol 326 tal-process.
[48] A fol. 281 u 328 tal-process.

ommha u lil hutha m'ghandhiex tibqa' tipperdura ghal zmien twil u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti, gustament u korrettament, iddecidiet li, ghalkemm illum ghad m'hemmx ksur tad-dritt fundamentali kontemplat fl-artikolu precitat, mat-trapass taz-zmien il-mizuri li qed jittiehdu jistghu jaghtu lok, anzi kif qalet l-ewwel Qorti, <u>x'aktarx</u> jaghtu lok ghal vjolazzjoni. Dan qed jinghad ghax l-ghan tal-mizuri mehuda biex jipproteggu lill-minuri jibda jiddghajjef mat-trapass taz-zmien jekk ic-cirkostanzi jibqghu l-istess u l-investigazzjoni tal-pulizija tibqa' pendenti minghajr progress. Din il-Qorti ma tara xejn kontradittorju f'dak li ddecidiet l-ewwel Qorti li, filwaqt li fil-prezent ma sabitx ksur izda jekk is-sitwazzjoni ittul minghajr ragunijiet validi, dan jista' jwassal ghal lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti. Ghalhekk kienet ghaqlija l-ewwel Qorti meta ordnat li ssir revizjoni perijodika tas-sitwazzjoni bil-ghan li s-sitwazzjoni ma tibqax stagnata, *multo magis* meta l-pulizija ghadha tal-fehma li mhux fil-pozizzjoni li tixlix lir-rikorrent ghar-reat investigat.

26. Ferm il-premess din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u tikkonfermaha, salv pero` li sabiex tassikura li s-sitwazzjoni prezenti ma tibqax stagnata u t-tifla tibqa' imbegheda mill-familja taghha ghal zmien twil minghajr progress fl-investigazzjoni, ser tordna li s-sitwazzjoni tat-tifla tigi riveduta kull tlett xhur mill-Qorti tal-Familja jew qorti kompetenti ohra sabiex dik il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet li

tikkonsidra li huma fl-interess tal-minuri u tal-familja taghha, partikolarment dwar l-access favur il-genituri taghha u hutha.

27. Ghaldaqstant dawn iz-zewg aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*It-tielet aggravju tal-intimat [ma kellhomx jinghataw ir-rimedji kif moghtija mill-ewwel Qorti]*

28. L-ewwel Qorti ordnat revizjoni perjodika tal-ordni ta‘ affidament u kuntatt kif wkoll li tigi kkonsidrata il-possibilita` li t-tifla tigi fdata f'idejn iz-zija taghha jew *foster carer* hawn Malta, jekk dejjem dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri. Accennat ghall-possibilita` dwar zieda fil-frekwenza u fil-hin tal-access u ordnat li l-ispiza ghas-supervizjoni tigi ssopportata mill-Istat.

29. L-intimat jissottometti li, ladarba l-ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti, allura ma kellha taghti ebda rimedju. Izda l-intimat ikompli jghid, u dan minghajr pregudizzju ghal dak diga‘ sottomess, li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ma kienx jinkwadra f'wiehed mir-rimedji moghtija f'proceduri ta‘ vjolazzjoni ta‘ dritt fundamentali. Veru li qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandha s-

setgha li taghti kull tip ta‘ rimedju, izda dak moghti mill-ewwel Qorti kienu biss idejat li setghet tadotta l-Qorti tal-Familja.

30. Ghal dak li kien jirrigwarda dik il-parti tad-decizjoni fejn hu gie ordnat jhallas l-ispejjez tas-supervizjoni tal-access, l-intimat jilmenta li dan sar minghajr indagini fil-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti u jekk kienux ta’ prijorita` ghalihom.

31. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha maghmula fl-ezami taz-zewg aggravji precedenti, tissenjala li, tenut kont li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li x‘aktarx jigi lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti jekk ma jkunx hemm revizjoni perjodika tas-sitwazzjoni, dik il-Qorti kienet fil-parametri tal-funzjoni taghha meta tat ordnijiet sabiex tipprevjeni milli bit-trapass taz-zmien jigi lez dak id-dritt. Huwa minnu li l-funzjoni tal-qrati kostituzzjonali mhijex dik li jissostitwixxu id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Familja rigward il-meritu ta‘ kaz li jkollha quddiemha, izda huwa perfettament lecitu li l-istess qrati kostituzzjonali jaghtu l-ordnijiet necessarji sabiex ma ssehx lezjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn *ultra vires* f‘dak li ordnat u qalet l-ewwel Qorti fil-paragrafu operattiv tas-sentenza appellata, fejn espressament indikat il-fatturi principali li l-Qorti tal-Familja kellha tirrevedi sabiex ma ssehhx lezjoni fil-futur.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Spejjez tal-Access u Spejjez tal-Proceduri*

33. Fir-rikors tal-appell taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-access ikunu a kariku tal-Istat li ghandu wkoll jirrifondilhom l-ispejjez li huma diga' nefqu sabiex jkollhom access ghat-tifla taghhom. Mill-banda l-ohra l-intimat qed joggezzjona ghal dan tenut kont tal-gravita` ta' dak allegat mit-tifla.

34. L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez ghas-supervisjoni waqt l-access ghandhom jigu sopportati mill-Istat tenut kont tal-qaghda finanzjarja batuta tal-familja. Din il-Qorti taqbel pienament ma' din il-konkluzjoni, raguni li ser tigi indikata aktar 'il quddiem.

35. Rigward is-sitwazzjoni finanzjarja batuta tar-rikorrenti, mill-provi jirrizulta li dawn jghixu biss fuq il-beneficji socjali u ghalhekk il-prova kuntrarja, jigifieri li ghandhom mezzi finanzjarji adegwata sabiex jhallsu ghall-access tispetta lil min qed jaghmel din l-allegazzjoni, f'dan il-kaz, l-intimat. Din il-prova ma saritx u ghalhekk, in mankanza tal-istess, l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha li tiehu bhala fatt provat li r-rikorrenti m'ghandhomx mezzi adegwati u konsegwentement ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-Istat.

36. Rigward l-ammonti indikati mir-rikorrenti li skont huma jirrapprezentaw l-ispejjez li nefqu s'issa sabiex ikollhom access ghat-tifla u ghal affarijiet ohra, din il-Qorti tosserva li dawn ma gewx sostni minn provi u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tordna r-rifuzjoni taghhom da parti tal-Istat.

37. Rigward l-ispejjez tal-proceduri odjerni li r-rikorrenti kellhom jaghmlu, din il-Qorti tirrileva li dawn setghu applikaw sabiex f'dawn il-proceduri jigu assistiti minn avukat tal-ghajnuna legali, izda dan ma sarx, u ghalhekk l-ilment taghhom dwar dawn l-ispejjez mhuwiex gustifikat.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrenti u wkoll dak tal-intimat billi tichad l-appelli, u tikkonferma s-sentenza appellata; izda tordna li r-revizjoni perjodika tas-sitwazzjoni tal-minuri li ghandha ssir mill-Qorti tal-Familja jew minn qorti ohra kompetenti, issir kull tlett xhur.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta lir-registru tal-Qorti tal-Familja sabiex tigi inserita fl-atti relevanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm